


# IL-PONT

miġbura minn Patrick SAMMUT

ħarġa Nu. 41 - **DIĊEMBRU 2016**


# editorjal

B'din il-ħarġa numru 40 IL-PONT daħal fir-raba' sena tiegħu. Infakkar li din ir-rivista letterarja virtwali kont bdejtha wara li għalqet darba għal dejjem il-Paġna Letterarja ta' IL-ĠENS li jiena kont koordinatur letterarju tagħha għal numru ta' snin. Kont ħassejt il-bżonn li nkompli x-xogħol li kont ili għaddej bih għal snin twal, jiġifieri li nxandar għadd ta' tagħrif marbut mad-dinja tal-letteratura lokali u anki dinjija b'mod regolari.

Il-PONT kont bdejt noħorġu darba fix-xahar bi tmien paġni. Aktar 'il quddiem kont ħassejt il-bżonn li nżid fin-numru ta' paġni anki minħabba li IL-PONT kien żied qatigħ fin-numru tal-qarrejja, imma anki fin-numru ta' kontributuri tiegħu. Minn hawn nirringrazzja lil dawk kollha li bagħtu u jibagħtu regolarment il-kitbiet varjati tagħhom, imma anki lil dawk li b'sabar jaqraw regolarment IL-PONT, jekk mhux sħiħ għallinqas partijiet minnu, jibagħtuli r-reazzjonijiet tagħhom u jgħadduh saħansitra lill-kuntatti virtwali tagħhom. Bis-saħħa ta' dawn in-nies kiber sewwa n-numru ta' qarrejja ta' IL-PONT. U fost dawn hemm anki barranin li wrew u qed juru interess fih minħabba li ninkludi kitbiet letterarji anki b'ilsna oħra, apparti ilsien art twelidna. Niżżi ħajr lil dawk kollha li jħeġġuni biex inkompli bi proġett impenjattiv tassew bħal dan.

# werrej


| | |
|---|---|
| *L-Aħbarijiet* | **3** |
| *Reazzjonijiet* | **7** |
| *Ktieb mill-qrib - Niccolò Ammaniti* | **8** |
| *Ir-rakkont tal-Milied* | **9** |
| *Il-Ktieb u l-Intervista - Salv Sammut* | **10** |
| *Versi mill-Awstralja—Fredu Cachia* | **13** |
| *Il-Ktieb u l-Intervista - William Grech* | **15** |
| *Id-Diskors ta' Perikle* | **18** |
| *Ktieb mill-Qrib - Hlary Spiteri* | **21** |
| *Il-Ktieb u l-Intervista - Joe Axiaq* | **22** |
| *Ktieb mill-qrib - Frans Sammut* | **25** |
| *Il-Poeżiji* | **28** |
| *Il-Poeżiji - Lil Hinn Minn Xtutna* | **31** |
| *Minn fuq l-Ixkaffa* | **32** |


Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

# l-editorjal kont...

Infakkar il-fatt li IL-PONT matul dawn l-erba' snin ta spazju mhux biss lill-kittieba stabbiliti, imma fuq kollox lil oħrajn li għal raġunijiet varji tqiegħdu fid-dell u fil-ġenb. Anki l-kitbiet huma ta' livell letterarju varjat. Inħalli f'idejn il-qarrej biex jagħraf liema kitbiet jistgħu jolqtuh l-iktar.

Fuq nota oħra, kemm hu sabiħ li tara daqstant attività għaddejja favur il-letteratura Maltija u mhux biss Maltija. Kemm hu sabiħ li tara daqstant għaqdiet, entitajiet u anki individwi differenti jinsistu u jaħdmu biex jittellgħu konferenzi, laqgħat u, lejliet ta' letteratura u mużika varji matul is-sena kollha u f'siti differenti. Fost dawn l-Akkademja tal-Malti, l-Għaqda Poeti Maltin, l-Għaqda tal-Malti (Università), Inizjamed, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, VersAgħtini, għadd ta' djar tal-pubblikazzjoni, kunsilli lokali, każini tal-banda, u bosta oħrajn. Hemm ukoll numru ta' pubblikazzjonijiet li jintrabtu mal-letteratura bħal IL-MALTI, VERSI, u LEĦEN IL-MALTI. Minn dawn hemm il-bżonn ta' iktar u li joħorġu iktar frekwenti, anki biex jagħtu dejjem iktar spazju lill-bosta kittieba emerġenti, mhux biss lil dawk stabbiliti u magħrufa. Ta' min jgħid ukoll li diġà pubblikazzjonijiet bħal dawn huma ftit; huwa importanti li ma jsirux elitisti, fis-sens li ma jibdewx jagħlqu l-bibien għal xi wħud filwaqt li jinkludu dejjem xogħlijiet ta' kittieba magħżula, ħbieb tal-ħbieb!

Għal darb'oħra l-Fiera tal-Ktieb kienet okkażjoni eċċellenti fejn wieħed seta' jiltaqa' ma' bosta kittieba, imma anki fejn seta' jixtri kotba ta' kull ġeneru u tip. Waqt dan il-Festival tal-Ktieb ittellgħu wkoll ruxxmata attivitajiet ta' natura letterarja. Ġew imnedija bosta kotba ġodda minn awturi lokali u anki barranin. Ta' min niftakru li minkejja li dan il-Festival tal-Ktieb għadda, issa li qed joqrob il-Milied xorta għadu żmien meta wieħed jixtri u jagħti kotba varji bħala rigal. Il-ktieb hu rigal li jista' - anzi għandu - jingħata matul is-sena kollha.

Dan jintrabat ukoll mal-ħtieġa li nerġgħu nnisslu interess - sa minn età bikrija - anki f'ilsna barranin bħalma huma t-Taljan, imma anki l-Franċiż, il-Ġermaniż u l-Ispanjol. Interess bħal dan jitnissel permezz tal-qari, imma trid tkun is-sistema li tgħin lill-poplu in ġenerali biex jitgħallem japprezza kemm il-qari kif ukoll l-importanza tal-ilsna, l-iktar f'pajjiż li llum sar multikulturali u fejn bosta żgħażagħ qed ifittxu xogħol anki lil hinn minn xtutna. Ma nistgħux nibqgħu ninvestu u ninsistu biss fuq l-importanza tax-Xjenzi, tal-Matematika, tal-Kontabilità u suġġetti li jintrabtu mal-qasam tan-negozju, u bil-mod il-mod noqtlu suġġetti importanti għalina bħala bnedmin bħalma huma l-Ilsna, l-Arti, l-Istorja, il-Letteratura, il-Klassiċi, u l-bqija! Il-materjaliżmu mhux kollox! Ma ninsewx li aħna bnedmin l-ewwel u qabel kollox u b'hekk ma nistgħux ninżgħu mill-umanità tagħna. L-għarfien t'ilsna differenti jgħinna biex noqorbu lejn xulxin u nifhmu lil xulxin aħjar bħala popli li ġejjin minn irkejjen differenti tad-dinja. L-għarfien t'ilsna differenti jkompli jkattar ir-rispett bejn persuni ta' nazzjonalitajiet, kulturi u twemmin varji.

Minn hawnhekk nawgura lilkom il-qarrejja ta' IL-PONT u l-familji tagħkom il-Milied it-Tajjeb u Sena Ġdida Hienja u mimlija Risq.

**Patrick Sammut (Fundatur u Editur)**
**sammutpatrickj@gmail.com**

# l-aħbarijiet

**AKTAR TAĦDITIET MILL-AKKADEMJA TAL-MALTI**

L-Akkademja tal-Malti kompliet bit-taħditiet dwar oqsma differenti marbutin mal-kultura u letteratura Maltija. Nhar it-22 ta' Settembru, Patri Mark Montebello tkellem dwar "Il-Kantilena ta' Pietru Caxaru bħala poeżija kjażtika". Din l-okkażjoni seħħet fiċ-Ċentru tal-Fortifikazzjonijiet, il-Belt.

Nhar it-28 ta' Settembru, l-Akkademja tal-Malti flimkien ma' Palazzo Falzon tellgħu it-taħdita bl-isem ta' "Id-Dar Maltija fi żmien Pietru Caxaru" li saret minn Dr George Said Zammit. Is-sit magħżul kien Palazzo Santa Sofia fl-Imdina. Ta' min jgħid li l-Akkademja tal-Malti hija waħda mill-pubblikaturi tad-*Damma*, id-dizzjunarju ta' Agius de Soldanis li għadu kemm ħareġ f'dawn l-aħħar ġimgħat.

**LEJLA LETTERARJA MITT ELF POETA GĦALL-BIDLA F'BIRKIRKARA**

Is-sitt edizzjoni tal-avveniment letterarju *Mitt Elf Poeta Għall-Bidla* (*100Thousand Poets for Change*) nżammet nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Settembru 2016, mill-Għaqda Poeti Maltin b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara fis-sala ewlenija tal-Kunsill Lokalli, fil-preżenza tas-Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Joanne Debono Grech. Din hi inizjattiva internazzjonali dinjija fejn il-forom kollha tal-arti jingħaqdu flimkien biex isemmgħu leħinhom favur il-paċi u s-sostenibbiltà fid-dinja. Dan il-bżonn jinħass illum iktar minn qatt qabel minħabba l-isfidi kbar li l-bniedem qiegħed jesperjenza minħabba diversi fatturi, uħud minnhom li m'għandux kontroll fuqhom. L-attendenza għal din is-serata kienet waħda inkoraġġanti ferm fejn qraw xogħlijiethom 'il fuq minn għoxrin poeta. Il-poeta Walid Nabhan tkellem dwar dawn l-isfidi kif ukoll qara xi kitbiet tiegħu. Kien hemm intervalli mużikali minn Ray Ellul fuq il-kitarra. Is-serata ntemmet b'riċeviment ċkejken fejn il-membri preżenti setgħu jissoċjalizzaw flimkien.

**IMUT DARIO FO**

Nhar it-13 ta' Ottubru 2016 ħalliena fil-belt ta' Milan id-drammaturgu avangardist Dario Fo, li kien ukoll direttur, attur, karikaturista teatrali, u rebbieħ tal-Premju Nobel għal-Letteratura fl-1997. Fo twieled fil-belt Taljana ta' Leggiuno-Sangiano fl-24 ta' Marzu tal-1926. Fo kien spiss jikkritika l-aġir tal-gvern Taljan u qatt ma beża' miċ-ċensura li spiss ġie wiċċ imb wiċċ magħha. Kien miżżewweġ lill-attriċi Franca Rame li mietet ftit snin ilu. Fo kiteb madwar 70 dramm. Fost dawn jibqgħu jissemmew *Morte accidentale di un anarchico* (1974) u *Non si paga, non si paga!* (1974). Fo jibqa' magħruf ukoll għax-xogħol tiegħu *Mistero Buffo* (1973). Interessanti l-fatt li Fo kiteb ukoll żewġ rumanzi illustrati bl-isem ta' *La figlia del Papa* (2014) u *C'è un re pazzo in Danimarca* (2015).



**Dario Fo u Franca Rame.**

**BOB DYLAN REBBIEĦ TAL-PREMJU NOBEL GĦAL-LETTERATURA 2016**

Nhar it-13 ta' Ottubru 2016 sirna nafu li l-kantawtur Amerikan Bob Dylan rebaħ il-Premju Nobel għal-Letteratura 2016. L-Akkademja Żvediża tat lil Dylan dan il-premju "għax kien jaf joħloq espressjonijiet poetiċi ġodda fi ħdan il-kanzunetta tradizzjonali Amerikana". Dylan illum għandu 75 sena. Wieħed mill-albums tiegħu li ssemmew huwa *Blonde on Blonde* tal-1966. Id-deċiżjoni li Dylan jingħata l-Premju Nobel ma niżlitx tajjeb ma' ħafna fid-dinja tal-letteratura, anki għax miegħu kien hemm nominati kittieba ta' fama dinjija bħal Haruki Murakami, Philip Roth, u l-kittieb Kenyan Ngugi wa Thiong'o. L-isem veru ta' Bob Dylan hu Robert Allen Zimmerman, li twieled f'Duluth, fil-Minnesota, fl-1941. Huwa ħareġ l-ewwel album tiegħu fl-1962 bl-isen ta' *Bob Dylan*. Dylan hu rebbieħ ta' għaxar *Grammy Awards*, u fl-2008, ingħata ġieħ speċjali tal-Premju Pulitzer. Bob Dylan hu l-108 rebbieħ tal-aktar

premju letterarju prestiġjuż fid-dinja. Intant fis-16 ta' Novembru 2016 ħarġet l-aħbar li Dylan mhux se jattendi għaċ-Ċerimonja tal-Premjazzjoni tal-Premju Nobel li se ssir fi Stokkolma fl-10 ta' Diċembru 2016.



**Bob Dylan.**

**KONFERENZA FUQ ŻVILUPPI FIT-TRADUZZJONI**

Inizjamed u d-Dipartiment tal-Malti fid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea organizzaw konferenza dwar "Dimensjonijiet Ġodda fit-Traduzzjoni f'Malta" li saret nhar il-21 ta' Ottubru 2016 fil-Mużew Marittimu, ix-Xatt tal-Birgu, bis-sehem ta' kelliema Maltin u barranin. It-taħditiet u d-diskussjoni mal-udjenza kienu bil-Malti u bl-Ingliż. Filwaqt li l-konferenza tmexxiet minn Claudine Borg, il-kelliema kienu t-traduttriċi u komparatista Dr Fatima Sai mill-Italja; Dr Lonneke van der Plas, li tagħmel riċerka fuq magni li kapaċi jifhmu l-lingwa tal-bnedmin; Kenneth Grima, studjuż tat-traduzzjoni; Dr Helga Zahra, kap tad-Dipartiment tal-Malti tad-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea; il-Prof. Joseph Eynaud, kap tad-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, Terminologija u Interpretar fl-Università ta' Malta; il-poeta u traduttur Antoine Cassar; u t-traduttriċi u pubblikatriċi min-Norveġja u minn Malta, Kristina Quintano. Fit-taħditiet tagħhom, is-seba' kelliema tkellmu dwar bosta oqsma marbutin mat-traduzzjoni li għaddejjin minn proċessi kontinwi ta' żvilupp. Dr Fatima Sai tkellmet dwar "Translating Culture," waqt li Antoine Cassar irrifletta fuq kif "Minn mappa għal mappa: It-traduzzjoni tkabbar il-gżejjer". Tnejn mill-kelliema ffukaw fuq it-traduzzjoni letterarja, qasam li Inizjamed ilha taħdem fih sa minn meta twaqqfet fl-1998. Kristina Quintano għamlet taħdita dwar "Publishing Maltese Literature Abroad" u r-rwol ċentrali li għandha t-traduzzjoni, waqt li Kenneth Grima tkellem dwar "It-traduzzjoni letterarja f'qafas ta' kontemporanjetà dejjiema". Il-Prof. Joseph Eynaud ippreżenta r-riflessjonijiet tiegħu fuq "Il-futur tal-istudji tat-traduzzjoni f'Malta", waqt li d-Dott. Helga Zahra tkellmet dwar "Id-Dipartiment tal-Malti tad-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni: fejn ninsabu u fejn sejrin." Min-naħa l-oħra, fit-taħdita tagħha dwar "Machine translation, the future is now", Dr Lonneke van der Plas iffokat fuq it-traduzzjoni li ssir permezz tal-magni, mezzi li fihom saru żviluppi mgħaġġlin f'dawn l-aħħar snin. Din il-konferenza kienet parti mill-inizjattiva *#TranslatingEurope Workshops* tal-Kummissjoni Ewropea.

**IR-REBBIEĦA TAL-KONKORS TAL-POEŻIJA 'MONS. AMANTE BUONTEMPO' 2016**

Nhar il-11 ta' Novembru 2016, fis-Sala Temi Zammit, Ċentru tal-Konferenzi, Dar il-Mediterran, Valletta, ġew imħabbra r-rebbieħa tal-Konkors tal-Poeżija "Mons. Amante Buotempo" 2016. L-ewwel u t-tielet premji ntrebħu minn Louis Briffa bil-poeżiji *Falco Peregrinus* u *Storja Antika* rispettivament. It-tieni premju ntrebaħ minn Paul P. Borg bil-poeżija *...bini Ażil...* Is-serata infeħet mill-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, is-Sur Mark Camilleri, li qal kelmtejn tal-bidu. Wara li ngħataw il-premijiet u nqraw il-poeziji rispettivi, is-serata ngħalqet b'diskors mill-President tal-Għaqda, is-Sur Jesmond Sharples. Il-kumitat tal-Għaqda tixtieq tirringrazzja lill-parteċipanti kollha li ħadu sehem bil-poeżiji tagħhom u jawguralhom suċċess fil-kitbiet tagħhom.



**Louis Briffa jingħata l-Premju Mons. Amante Buontempo minn Jesmond Sharples.**

# l-aħbarijiet

**JITNIEDU GĦADD TA' ĠABRIET TAL-POEŻIJA MINN HORIZONS**

Dejjem bħala parti mill-Festival tal-Ktieb, nhar il-11 ta' Novembru 2016 Horizons organizzaw Ċelebrazzjoni ta' Poeżija. Dan seħħ fis-Sala Sir Temi Zammit, Dar il-Mediterran il-Belt Valletta. Waqt din l-okkażjoni tniedu kotba tal-poeżija ta' Gioele Galea, Jesmond Sharples, Achille Mizzi, Charlo Camilleri, u Tarcisio Zarb. Tnediet ukoll għażla ta' poeżiji ta' Mario Azzopardi maqlubin għall-Ingliż bis-saħħa ta' Rowna Baldacchino. Il-kantawtur Walter Micallef ipprovda l-intervalli mużikali.

**KITTIEB BULGARU MISTIEDEN GĦALL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2016**

Il-kittieb Bulgaru Alek Popov, wieħed mill-mistiedna speċjali għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2016 ħa sehem f'żewġ attivitajiet: kien wieħed mill-kelliema fil-konferenza "Literature and Totalitarianism", u sar avveniment f'ġieħu fejn tkellem mal-ġurnalist u kittieb Teodor Reljic fuq il-ħsibijiet u t-temi li jittratta fil-kitba tiegħu. Il-kittieb wieġeb għall-mistoqsijiet mill-udjenza kif ukoll iffirma kopji tal-kotba tiegħu. Popov huwa magħruf fil-Bulgarija l-iktar għax-xogħol satiriku tiegħu, *Mission: London*, parodija kumplessa tas-sistema politika fil-Bulgarija li tikxef l-għarbiel mhux daqshekk moħbi ta' korruzjoni, favoritiżmu politiku u l-inkompetenza tal-awtoritajiet. Fil-parodija toħroġ bis-saħħa d-delużjoni ta' soċjetà post-komunista li qed tħejji ruħha sabiex tingħaqad mal-familja ta' nazzjonijiet kapitalisti.



**Alek Popov.**

**SERATA *BEJN ĦALTEJN***

Matul il-Festival tal-Ktieb saret ukoll serata letterarja għall-istudenti u l-ġenituri tagħhom li qed jistudjaw il-letteratura Maltija fis-sillabu taċ-ĊES. Matulha l-awturi tal-poeżiji *Aqta' Fjura u Ibni Kamra*, *Lill-Qamar Kwinta*, *Geraldine* u *Jien* - Immanuel Mifsud, Rena Balzan, Trevir Żahra u Victor Fenech rispettivament - ġew intervistati u tkellmu fuq dawn ix-xogħlijiet. Din is-serata ġiet organizzata mis-Segretarjat flimkien mal-Akkademja tal-Malti u ttellgħet nhar il-11 ta' Novembru f'Dar il-Mediterran, fis-sala prinċipali.

**"ĠIEĦ L-AKKADEMJA MOGĦTI LILL-PROF. OLIVER FRIGGIERI**

Lejn nofs Novembru li għadda, fil-Palazz, il-Belt Valletta, il-President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca, ippresediet l-ewwel ċerimonja tal-premju Ġieħ l-Akkademja tal-Malti, fl-anniversarju tal-Akkademja tal-Malti, li twaqqfet fl-14 ta' Novembru, 1920. Ġieħ l-Akkademja tal-Malti għas-Sena 2016 ingħata lill-Professur Oliver Friggieri. Ġieħ l-Akkademja tal-Malti se jibda jingħata biex tiġi onorata persuna għall-kontribut siewi li tkun tat lejn il-lingwa u l-letteratura Maltija. Fl-aħħar nett, il-President ħabbret li fil-bidu tas-sena d-dieħla, il-Palazz ta' San Anton se jkollu librerija, wara restawr estensiv li qiegħed isir fil-Palazz sabiex jinfetħu kmamar Statali ġodda. Il-President qalet li l-Akkademja tal-Malti se tkun il-kustodju ta' kollezzjoni ta' kotba li se jitqiegħdu fil-librerija tal-Palazz, u se tkun maħsuba biex tagħti spazju sabiex jiġu rikonoxxuti l-kittieba Maltin kif ukoll il-Letteratura Maltija.



**Il-Professur Oliver Friggieri.**

**ATTIVITAJIET LETTERARJI U ARTISTIĊI F'GĦAWDEX**

Nhar il-Gimgħa 18 ta' Novembru l-istitut Sir Mikelanġ Refalo (sixth Form) t'Għawdex, b'kolloborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex tella' serata b'Ċelebrazzjoni tal-Ħiliet tal-istudenti. Din saret fis-Sala ewlenija tal-Ministeru għal Għawdex Victoria. Fl-istess okkażjoni nżammet il-Preżentazzjoni tal-antoloġija poetika *Fjuret id-Demm* ta' Anabelle Portelli f'Kommemorazzjoni tal-400 sena mill-mewt tad-drammaturgu magħruf William Shakespeare u b'tifkira speċjali tal-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena.

Fil-25 tal-istess xahar, fil-Librerija Pubblika tal-Vajrinġa Victoria, iltaqgħu l-Kittieba Għawdxin waqt serata li matulha qraw xi siltiet mix-xogħlijiet tagħhom. Kienu xogħlijiet letterarji li inkludew x-Xahar tal-Erwieħ, il-festa tal-Immakulata u l-Milied.

Nhar is-26 ta' Novembru ttellgħet attività oħra fil-librerija pubblika ta' Għawdex. Hawn wieħed seta' jiltaqa' mal-artisti Frank Buhagiar, Leona u Janelle minn Cryptic Street, George Camilleri u George Mario Attard li qed jikkollaboraw f'interpretazzjonijiet ta' poeziji mil-kollezzjoni *Erbatax-il Vers* miktuba minn Alfred Grech. Din il-kollaborazzjoni kompliet toħloq esperjenza ħolistika li għaqqdet is-sensi fl-interpretazzjoni ta' *Erbatax-il Vers*.

**TAĦDITA PUBBLIKA TA' MARLENE MIFSUD CHIRCOP**

L-għana tal-fatt (il-ballata) għadu jitgħanna sal-lum f'Malta u barra fejn hemm emigranti Maltin. Għandu storja ta' ħames mitt sena imma fl-ewwel tliet mija u ħamsin minnhom intilef ħafna minnu, waqt li fil-mija u ħamsin sena ta' wara, wara l-kisba tal-libertà tal-Istampa f'Malta, inġabru fuq mitejn fatt. F'din it-taħdita, li saret nhar il-23 ta' Novembru, fl-Università ta' Malta, Tal-Qroqq, Marlene Mifsud Chircop tkellmet fuq ir-riċerka li għamlet f'dan il-qasam tat-tradizzjoni orali, il-wirt intanġibbli tal-għana Malti, speċjalment fuq il-firxa tal-letteratura tat-triq u l-produzzjoni tagħha, fuq delitti li għannew fuqhom fil-parti l-kbira malli ġraw, jew malli l-ikkundannat ħa l-kastig. Tkellmet wkoll fuq l-għannej tal-fatti u l-udjenza tiegħu, l-istil tal-ftuħ u l-għeluq tal-fatt, il-fażijiet tal-liminalità li fih, il-fatt bħala forma ta' protesta, il-mobbiltà kulturali tiegħu, u l-każ ta' Ċikku Fenech li għadha tiftakar kif ġara.

**TRAĠEDJA GRIEGA FIT-TEATRU MANOEL**

Bejn il-25 u s-27 ta' Novembru ttellgħet fit-Teatru Manoel fil-Belt Valletta, it-tragedja Griega *Hekuba* ta' Ewripide bi traduzzjoni ta' Alfred Palma u direzzjoni ta' Josette Ciappara. L-atturi li ħadu sehem kienu Karmen Azzopardi, Matio Micallef, Michael Tabone, Anthony Ellul, Lee-N Abela, Alan Fenech u Andre Mangion.




**REBBIEĦ TAN-NATIONAL BOOK AWARD 2016**

Ir-rebbieħ tan-National Book Award 2016, Kategorija Narrattiva Fittizzja, huwa Colson White Head, bir-rumanz *The Undergroung Railroad.* L-għan ta' dan il-Premju li ilu jingħata mill-1950 huwa li jqajjem għarfien fost il-poplu Amerikan tal-aqwa kotba miktubin minn Amerikani stess. *The Underground Railroad* hu dwar Cora u Caesar, żewġt ilsiera li jippruvaw jaħarbu mill-pjantaġġjuni tagħhom f'Gorġja billi jsegwu l-ferrovija ta' taħt l-art.

# reazzjonijiet

**E-mail mingħand il-Prof. Charles Briffa, l-1 ta' Settembru 2016.**

Għażiż Patrick,

Proset għal darba oħra! U grazzi tat-tagħrif kollu li twasslilna biex nimxu fuq il-briġġ tal-ħsieb ta' xulxin. Il-ħeġġa letterarja tiegħek iddawlilna moħħna u turina kemm il-letteratura hija ħajja fi żmienna.

Tislijiet.
Charles

**E-mail mingħand Michael Zammit, l-1 ta' Settembru 2016.**

Tgħaxxaqt b'din il-ħarġa ta' "Il-PONT". Fiha tassew x'taqra; materjal bis-sugu. Jeħtieġ li lkoll nagħmlu l-almu tagħna biex din il-biċċa xogħol maħduma bil-qalb, tinxtered aktar, għax biha qed tagħmlu ħafna ġid u tgħinu biex dan l-ilsien hekk għal qalbna jibqa' ħaj u b'ħeġġa ta' żagħżugħ. Il-libsa ta' din il-ħarġa hi tassew eleganti... kif inhu xieraq wara kollox. Insellimlek u lil kull min qiegħed jagħtik xi għamla jew oħra ta' daqqa t'id.

Saħħiet.



**E-mail mingħand Lina Brockdorff, l-1 ta' Settembru 2016.**

Għażiż Patrick,

Bongu! Veru li konna ilna nistennew naraw xi 'Pont' imma issa pattejtilna bil-kbir kif taf tagħmel int.

Biċċa xogħol tal-ħbieb li żgur ħaditlek bosta sigħat. Nirringrazzjak li ġibt dak l-istudju dwar *Luciano*.

Tislijiet,
Lina.

**E-mail mingħand Mario Griscti, l-1 ta' Settembru 2016.**

Għażiż Patrick,

Grazzi ħafna ta' IL-PONT ta' Settembru 2016. Il-paġni żdiedu, il-kontenut tkattar imma d-dinjità wkoll. Ma ntilef xejn mis-sustanza tiegħu, minkejja li kotor fil-paġni. Nassigurak. Grazzi tal-materjal li xandartli.

B'imħabba,
Mario.

**E-mail mingħand Rigu Bovingdon, it-2 ta' Settembru 2016.**

Il-veru ħaqqek prosit ta' din il-ħarga ta' IL-PONT; tant hu eżawrjenti.

Preżentazzjoni professjonali u livell għoli ta' kontribuzzjonijiet li għandhom jintogħġbu mill-kotra qarrejja.

Nagħmillek il-qalb għażiż Patrick li tissokta f'din il-ħidma oriġinali tiegħek għaliex hija ħafna apprezzata u qiegħda (kif taf inti stess) kulma tmur dejjem tiżdied fid-distribuzzjoni u fil-kontribuzzjonijiet minn kittieba Maltin rinomati.

Insellimlek b'rispett dejjem

Rigu.

# ktieb mill-qrib (1)

Nicolò Ammaniti




***IO NON HO PAURA*, rumanz ta' Nicolò Ammaniti.**
**Tikteb Amanda Busuttil.**

Dan ir-rumanz maħruġ fis-sena 2001 jambjenta ruħu fis-sena 1978 f'post immaġinarju jismu Acqua Traverse li l-awtur jgħidilna li jinsab fin-naħa t'isfel tal-Italja fil-ġranet sħan tas-sajf. Il-post li dan ir-rumanz jeħodna fih donnu tal-ħolm: għelieqi mimlija bil-qamħ twil fejn grupp ta' tfal iqattgħu ġranet twal jiġru fih. Ġo dan il-post kampanjol jgħixu Michele Amitrano u oħtu, flimkien ma' tfal ta' familji fil-qrib.

Waqt waħda mill-avventuri u praspar li Michele jiltaqa' magħhom, darba waħda jiskopri li fejn dwejra abbandunata hemm toqba fl-art, bil-għatu fuqha u meta fetaħha jara xi ħaġa tiċċaqlaq fiha. Jibqa' jittanta xortih sakemm jara x'inhi u f'salt wieħed jidher wiċċ ikrah li jbeżżgħu u tant jieħu qatgħa enormi li bir-rota li kien idur biha, jieħu rankatura waħda sakemm jasal id-dar.

Bi ftit tal-kuraġġ, Michele jerġa' jmur jittawwal l-għada u jiskopri li f'din il-moħba sigrieta tiegħu, hemm maqbud tifel tal-età tiegħu f'kundizzjoni tal-biża': maħmuġ pesti, maltrattat u bil-ġuħ. Dan Michele jibda jisraq l-ikel mid-dar, xi ftit tal-ħobż, sabiex imur jagħtih, dejjem bil-moħbi, lil dan it-tifel tal-età tiegħu.

Ir-rumanz jenfasizza d-dominanza tal-irġiel fid-dar ta' fejn għex Michele u dawk ta' madwaru. Jenfasizza wkoll il-fatt li dawn l-irġiel li kienu jiltaqgħu f'dar missieru ta' spiss kellhom ukoll xi ħaġa x'jaħbu u kienu mdeffsin f'kuntrabandu u taħwid.

Michele kien jaf li qed jilgħab man-nar meta kien imur jitma' u jisqi lil dan it-tifel qisu annimal feroċi, imrabbat bil-ktajjen ġo dan il-bir taħt l-art, imma l-awtur jefasizza li Michele kien innoċenti u lest li jagħmel is-sagrifiċċji għat-tfal l-oħra ta' madwaru u dan il-fattur iwassal għal mewtu stess.

Darba minnhom jara lil dan it-tifel sigriet tiegħu, bl-isem ta' Filippo, qed jissemma fl-aħbarijiet u jinduna għala kien moħbi hemm taħt għax kien ġie misruq u missieru kellu x'jaqsam mal-biċċa tax-xogħol.

Minbarra r-rumanz li hu miktub b'Taljan sabiħ u mexxej, wieħed jista' wkoll isegwi l-film maħdum tassew sabiħ u fidil għan-narrazzjoni b'arranġament ta' Francesca Marciano li ħadmet fuq l-iskript ċinematografiku. Il-film għandu wkoll mużika mill-isbaħ ta' Ezio Bosso u d-direttur artistiku hu Gabriele Salvatores li tassew mexxa l-film b'mod eċċellenti. Ir-rumanz rebaħ il-premju Viareggio Repaci u nbiegħu 700,000 kopja. Ġie anki tradott f'aktar minn għoxrin lingwa.

F'din il-ħolqa wieħed jista' jieħu spunt tan-narrazzjoni:
https://books.google.com.mt/books?id=HbhbQLl3-R0C&lpg=PP1&dq=Io%20no%20ho%20paura&pg=PP1#v=onepage&q&f=false

Wieħed jista' wkoll isegwi t-trailor tal-film hawnhekk:
https://youtu.be/NecVm1MwJqg

# ir-rakkont tal-Milied

Mario Attard

**TGĦID LIL SAN ĠUŻEPP NIXIFLU L-FJUR?**

Ma nafx jekk quddiem għajnejja iniex nara tfajjel ta' tmien snin inkella żagħżugħ ta' tmintax-il sena. Mill-istagħġib li jinsabu jarmu għajnejh nasal biex ngħid li għandu anki ħames snin. Imma minn surtu jkolli ngħid li għandu tmintax-il sena u minn kliemu nemmen li għandu ħamsa u għoxrin.

Il-presepju tal-ġablow f'daqqa waħda messu seħer u sar tal-kartapesta u l-pasturi tal-plastik, irfinuti, dettaljati u b'żebgħa ħajja saru tat-tafal nieqsa mid-dettalji li jqarrbuhom lejn il-bniedem. Maġenbu tfaċċa nannuh Dwardu u fuq siġġu tal-qasab biswit il-presepju kien hemm nanntu Dolor tapprezza tara lil bin bintha msaħħar mill-presepju li kien għamillu nannuh. Mhux ta' b'xejn li dan in-neputi jissaħħar quddiem il-presepju. Dan is-seħer wirtu minn nannietu: in-nanna tgħidlu l-istejjer tal-Bambin u n-nannu beda billi jagħmillu l-grotta bħal tal-Mużew u wara ssarrfet fi presepju.

Nannuh kien għadu kemm lestihulu dak l-presepju. Figurini tat-tafal biex jimlewh kellu biss kemm jimla l-grotta u d-daħla tagħha bir-ragħaj u tmien nagħġiet mexjin warajh. Anki dawk il-ftit pasturi kien xtrahomlu n-nannu Dwardu.

In-nanna Dolor riedet li hija wkoll ikollha sehem minn dak il-presepju tan-nannu.

"Nikol," għajtitlu. "Mur iftaħ il-kaxxa taż-żaben fejn iżżomm il-pasturi... dik il-bajda li għadek kemm qegħidt fuq il-posambrella, għax ikolli ngħid il-pasturi għadek ma ħriġthomx kollha."

Minn ħarstu wera li kien ċert li l-pasturi kien ħariġhom kollha u li l-kaxxa tal-pasturi kienet vojta. "Kif jista' jkun!" qal skantat bejnu u ruħu. "Jiena kollha ħriġthom. Ninsab ċert".

Imma kif jista' jkun li n-nanna Dolor kif ukoll iċ-ċkejken Nikol it-tnejn kellhom raġun?!

Wara li n-neputi tagħha kien jinsab mitluf iqiegħed il-ftit pasturi li kellu (daqs li kieku kellu mija) fil-post tagħhom fil-presepju, in-nanna Dolor inkiss inkiss poġġietlu sitt pasturi oħra .

"Ara!" Stagħġeb it-tfajjel kif rahom. "Dawn ma għandix bħalhom!: U beda jeħodhom f'idejh wieħed wieħed bla ma ntilef jaħseb minn fejn setgħu kienu ġew.

"Mort għand tan-Nabbu minn fejn darba kien xtralek il-pasturi n-nannu u xtrajtlek tliet Slaten Maġi, għax mingħajrhom ma tistax tifhem għalfejn twieled il-Bambin. Xtrajtlek l-anġlu ħabbar għax inkella r-ragħaj li għandek ikun mar iżur lill-Bambin bla ma jkun mistieden. Xtrajtek ukoll lid-daqqaq ħa jferraħ lill-Bambin biż-żaqq tiegħu u ma stajtx ma nixtrilekx lir-raqqad biex tinduna li mhux kulħadd iwieġeb għas-sejħa tal-anġlu kif għamlu r-ragħaj u s-Slaten Maġi".

Dakinhar ftit li xejn ta kas għal dak il-kliem tan-nanna imma huwa u jsibilhom posthom fil-presepju fejn il-pasturi l-oħrajn fil-presepju tal-ġablow, Nikol ma baqax tfajjel, il-pasturi tat-tafal saru tal-plastik, in-nannu Dwardu għeb, in-nanna Dolor għebet ukoll imma mhux kliemha li baqa' jinstema' f'widnejn Nikol bl-istess ton ħaj ta' darba.

Iż-żagħżugħ Nikol ta ħarsa madwaru u ra lil ommu quddiem it-televixin tiekol platt ċereali sħun... imma San Ġużepp ma kienx hemm. Fejn kien mar? Tgħid il-fjur sabiħ li darba kien għażlu minn irġiel oħra għall-kwalitajiet sbieħ li kellu nixiflu jew ġralu bħar-raqqad tan-nanna Dolor?

**(Mil-Manuskritt *Stejjer tal-Bieraħ* ta' Mario Attard)**



# il-ktieb u l-intervista (1) Salv Sammut




***FID-DELL TAL-PELLIKAN* ta' Salv Sammut, Horizons 2016.**

***Fid-Dell tal-Pellikan* inkiteb fl-1982 imma ġie ppubblikat fl-2016. Xi tgħid dwar dan? F'dawn l-34 sena ħallejtu eżattament kif ktibtu oriġinarjament jew missejt-żviluppajt xi partijiet?**

Huwa minnu li dan ir-rumanz (it-tieni wieħed li ktibt) intemm mill-kitba tiegħu fis-sena 1982 imma kien ilu jinkiteb mill-inqas tliet snin qabel. Dan għall-fatt li fejn kont noqgħod qabel ma kellix faċilità biżżejjed fejn stajt nikteb bil-kumdità ... fis-sens li f'jum nibda nikteb, imbagħad inħalli kollox għal jum ieħor. Imma kont ridt bilfors nerfa' kollox biex nagħmel wisgħa għal ħtiġiet ta' kuljum tal-familja u tad-dar. Fattur ieħor kien l-impenji familjari, personali u l-ħin tax-xogħol tiegħi ma kinux iħalluli ħin biżżejjed. Dawn il-fatturi kienu iġagħluni ndum biex nissokta nikteb. Illum, li jien irtirat u ftit għandi impenji, għandi ħin u spazju kemm irrid.

Meta temmejt il-kitba ta' dan ir-rumanz, kont mort għand il-PEG (dak iż-żmien kien jismu GULF) biex jiġi pubblikat. Is-Sur Emanuel Debattista kien irrifjuta li jippubblikah għax qal li fih element politiku... ħalliha li wara kien ippubblika awto-bijografija ta' politiku prominenti. Jista' jkun li ma kontx tal-qalba u ta' investiment finanzjarju biżżejjed li seta' jirrendilu qligħ mill-pubblikazzjoni tiegħu. B'danakollu, dan ir-rumanz kien inqara minn Charles Arrigo fuq Xandir Malta u skont Charles Arrigo nnifsu kien qajjem naqra ta' reazzjoni mhux ħażin f'Birkirkara. Minbarra dan, kien ġie stampat f'forma ta' faxxikli fir-rivista "Il-Gwida". Bqajt ma ppubblikajtux minħabba wkoll li kien ħareġ ir-rumanz tal-Profs. Oliver Friggieri u ieħor ta' Ġorġ Peresso li kien jittratta dwar ħajja ta' saċerdot ukoll. Ma ridtx li donni nidher li tħajjart nikkupjahom għalkemm FID-DELL TAL-PELLIKAN kien inkiteb qabel dawn it-tnejn. Imma issa deherli li kien għadda żmien biżżejjed minn fuqu biex fl-aħħar jara d-dawl.

Hija ħaġa naturali li erġajt dortu kemm għal dik li hi ortografija skont il-varjanti ġodda u kemm għall-konsistenza tal-istorja nnifisha. Imma mill-bqija, ħallejtu kif ktibtu.

**X'wasslek għall-għażla tat-titlu *Fid-Dell tal-Pellikan*?**

Min jaqra r-rumanz u jasal fl-aħħar jintebaħ mill-ewwel għaliex semmejtu hekk. Id-dell huwa l-pern ta' kollox. Kulħadd jaf li skont it-tradizzjoni, il-Pellikan iqatta' minn ġismu biex jitm' lill-frieħ tiegħu u għalhekk li fis-simboliżmu kristjan, il-Pellikan huwa mxebbaħ ma' Ġesù Kristu li tana ġismu u demmu. Fir-rumanz, id-dell huwa dak li dellel fih lil Father Daniel u donnu ried jipproteġih minn kull għelm u saram ieħor u jġagħlu jħossu li qiegħed fiż-żgur dment li jibqa' fid-dell tiegħu.

**Kif ivarja dan ir-rumanz mir-rumanzi l-oħra li diġà ppubblikajt?**

Ir-rumanzi l-oħra li ktibt jittrattaw relazzjoni romantika u psikoloġika tal-karattri lajċi

bejniethom. *Fid-Dell tal-Pellikan* jittratta l-waqgħa u l-qawmien ta' bniedem li kien jaħseb li hu sod biżżejjed biex jegħleb kull xkiel. Dwar bniedem midluk biż-żejt tal-Ordni Sagri li, imma, kien aktar ħsiebu x'se jgħidu n-nies fuqu milli x'se jgħid Alla nnifsu fuqu. Ta' bniedem li malajr għamilha ta' mħallef meta malajr ġie l-mixli u l-ikkundannat. F'dan ir-rumanz ridt nuri li għalkemm saċerdot, xorta baqa' bniedem bit-tajjeb u l-ħażin tiegħu, bil-qawwa u bid-dgħjufija tiegħu. Ma kienx imqiegħed ġewwa fosdqa li ma setgħetx tintmiss. Iżda għax kien tassew dedikat lejn is-sejħa tiegħu, fl-aħħar għaraf ix-xejn tiegħu, nidem u sab il-kenn fid-dell tal-pellikan waqt li barra, fl-elementi tan-natura kienet għaddejja tempesta kbira bħalma kienet għaddiet minn fuqu.

**Ir-rumanz hu taħlita ta' realtà u stħajjil. Kemm japplika dan għal *Fid-Dell tal-Pellikan*?**

Bħal kittieb ieħor, meta jikteb dejjem ikun hemm element bijografiku tal-kittieb innifsu. Pereżempju, meta l-poeta mar biex jippubblika l-poeżiji tiegħu u ġie riġettat, din ġrat lili stess bir-rumanz *Staqsi lir-Riħ*. Id-dettal tal-ispeċjalista tat-tqala għaddejt minnu jien stess. It-triqat ta' Birkirkara u Ħal Lija nafhom sew. Imbagħad, f'dan ir-rumanz hemm ukoll l-istħajjil tal-ġrajja nnifisha għax kieku ma jkunx rumanz oriġinali. Ir-realtà hija li din ġrajja setgħet, tista' u għad tista' sseħħ tabilħaqq. Żgur li sitwazzjoni bħalma ktibt jien fir-rumanz ġrat tassew lil individwi-saċerdoti oħra u lanqas neskludi li ma tistax tiġri tassew 'il quddiem.

**Iż-żgħożija, il-vokazzjoni reliġjuża, l-imħabba, id-dgħjufija umana, u l-ostilità tal-proxxmu u ta' istituzzjonijiet li suppost iservu ta' mudell tajjeb, huma fost it-temi li tittratta f'dan ix-xogħol. Xi tgħid dwar dan?**

Father Daniel kien saċerdot żagħżugħ dedikat fil-vokazzjoni tiegħu li l-ipokresija ddejqu, kemm dik ekkleżjastika u kemm dik politika li minħabba l-ġewninità fi kliemu u f'imġibtu ġabitu f'bosta konflitti mal-awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi. Kien hekk ried li jkun ta' xempju tajjeb li għalkemm żamm mal-prinċipji kemm personali u kemm dawk saċerdotali, meta ġie quddiem is-sitwazzjoni t'oħtu m'għarafx jifhimha kif kellu jagħmel u kkundannaha u telaqha weħidha. Min-naħa oħra, f'ħajtu, bla mistenni, daħlet tfajla li għalkemm il-ħbiberija tagħha kienet togħġbu, xorta waħda fid-dilemma u l-inċertezza li kien fiha ċeda u waqa' bħalma jaqa' kull raġel ieħor għat-tħannin femminili. Minn dawk li suppost kellu jsib wens u appoġġ sab ostilità kbira minn fost il-membri ta' sħabu l-kleru. Kien fl-aħħar tal-ġrajja li fehem tabilħaqq għaliex kellu jgħaddi minn dak kollu li għadda u x'messaġġ ried iwassallu dak li hu ddedika ħajtu għalih.

**Dan hu rumanz ta' 400 paġna. Kemm domt biex ktibtu? Liema huma l-ispazji li fihom iseħħ l-azzjoni tiegħu?**

Bħalma diġà għedt aktar 'il fuq, minħabba restrizzjoni ta' spazju u ħin domt madwar tliet snin niktbu bi ftit skossi, kull darba nerġa' mmur lura fil-ġrajja biex jien stess nerġa' nidħol fl-ispirtu tal-istorja ħalli nkun nista' nkompli. Nistqarr li hu naqra twil (400 paġna) imma jien ma noqgħodx



Salv Sammut

nikkundizzjona lili nnifsi dwar tul imma ngħid dak li għandi ngħid u jieħu paġni kemm għandu bżonn. Iż-żmien tal-ġrajja huwa fis-snin tmenin u l-qarrej malajr jifhem min kien fil-gvern u min kien fit-tmexxija tal-knisja Maltija. Ippruvajt inżomm bilanċ politiku u nkun ġust ma' kulħadd. Għalhekk ħadtha bi kbira li l-PEG (GULF) ġab dik l-iskuża banali.

**Flimkien mar-rumanz int erġajt inkludejt fil-ktieb għadd żgħir ta' poeżiji minn tiegħek. Għaliex dan**?

Sewwa għedt! Jien, f'kull pubblikazzjoni tiegħi nagħmel mezz li ndaħħal xi poeżiji li nkun ktibt. Dan għas-sempliċi raġuni li pubblikazzjoni ta' poeżiji, f'Malta, jekk ma tkunx diġà stabbilit sewwa fil-qasam tal-poeżija, dik il-pubblikazzjoni tibqagħlek ma' wiċċek. Għalhekk nieħu dik l-okkażjoni li meta jkolli rumanz għall-pubblikazzjoni nuri d-dawl xi poeżiji minn tiegħi. Anzi, nipprova nagħżel poeżiji li jista' jkollhom relazzjoni mal-ġrajja bħalma għamilt fil-każ tar-rumanz *L-Altruwista* u *Dijaspori*. Kull min qara r-rumanzi kollha tiegħi jintebaħ malajr li aktarx ikun hemm karattru li jikteb il-poeżiji u dan nagħmlu biex b'riħtu ninqeda bih fl-aħħar tar-rumanz biex bħal donnu kitibhom huwa. Fil-każ ta' *Fid-Dell tal-Pellikan* għażilt poeżiji li aktar huma spiritwali milli reliġjużi.

**Inti llum awtur ta' għadd sabiħ ta' kotba ta' poeżija, novelli, u rumanzi. Qed isir biżżejjed hawn Malta biex kittieba bħalek jiġu verament apprezzati? X'jista' jitjieb?**

Issa tassew, kif jgħid il-Malti fqajtli bużżieqa! Minn esperjenza personali nistqarr b'responsabbiltà li Malta hija l-art tal-klikek kemm dawk politiċi u kemm dawk kulturali. Sirt la nafda u lanqas nemmen f'konkorsi letterarji nazzjonali mnedija minn istituzzjonijiet governattivi. Ma jistax ikun li nemmen f'ġustizzja meta premjijiet jingħataw lil kittieba li xi ħadd mill-ġurija jkun għen fil-produzzjoni tal-ktieb rebbieħ. Jew li jiġi mistqarr minn filgħodu min se jkun ir-rebbieħ meta f'dak il-jum stess ikun għadu se jitħabbar ir-riżultat filgħaxija. Jien kont għamilt suġġerimenti kif wieħed jista' jagħlaq it-toqob ta' suspetti u kont bgħatthom lil min hu responsabbli, ukoll f'dik it-taqsima ministerjali. Imma ħadd ma ried ibiddel is-sistema ta' mhux kemm taf jgħodd imma lil min taf. Jien nemmen li l-ġurija tabilħaqq tiegħi huma l-qarrejja li jaqraw xogħli. Nemmen bis-sħiħ li biex tkun kittieb tajjeb, mhux bilfors trid tiġi minn entitajiet akkademiċi. Il-lehma u t-tqanqila emozzjonali letterarja mhix dritt jew privileġġ ta' nies maqtugħa mill-art u mdaħħla f'niċċa maħduma għalihom minnhom stess u li jħokku dahar xulxin.

**Proġetti għall-ġejjieni?**

Għal quddiem għandi rumanz ieħor *Ir-Raġel Stramb* li diġà sar il-qari tal-provi mill-Pubblikatur tiegħi. Imbagħad, għandi 50 saġġ *Kliem Mixtarr* u rumanz ieħor *Ix-Xirka tal-Beati Paoli*. Dawn l-aħħar żewġ biċċiet xogħol għad irrid nara x'possibiltà hemm li jiġu ppubblikati.

**FID-DELL TAL-PELLIKAN**

Taħt dellu jien ninxteħet;
ġwinħajh refuġju tiegħi
mill-għelt jostorni meta
l-irwiefen jonfħu fuqi
u taħtu jżommni mwennes.

Fil-kenn tal-Għorfa ċkejkna
fl-għelieqi mbegħda f'tarf l-irdumijiet
'il bogħod mill-għagħa tan-nies,
hemmhekk fil-lok mistiku,
jistrieħ għajjien dan ġismi,
jeħfief mit-toqol moħħi
u ssib il-faraġ ruħi
biex jgħib fix-xejn kull saram
fid-dell tal-Pellikan.

**SALV SAMMUT**

# versi mill-Awstralja

Fredu Cachia

Manuel Casha mill-Awstralja bagħat din il-poezija li kiteb u qara Fredu Cachia fiċ-ċelebrazzjoni tal-Imnarja ta' din is-sena, 2016, fil-Klabb Għannejja Maltin. Manuel Casha jiddeskrivi lil Fredu Casha bħala bniedem uniku.



Fredu jaqra l-poezija *L-IMNARJA*.

**L-IMNARJA**

"Minn ċkuniti kont f'qalbi Festa Maltija
kont naraha għaddejja minn ħdejna
nies minn truf Malta
bl-isbaħ inġenji u armar
karrettuni tax-xogħol u tal-molol
irgiel bit-terħa u sidrija, nisa b'għonienel sbieħ
kulħadd għall-Buskett.

L-Imnarja hija l-Festa
tal-ħamrija magħġuna bil-għaraq u s-sengħa tal-bidwi
li jaħrat
jagħżaq
jiżra'
u jaħsad.

Festa tal-ġardinar
li jiżbor
ilaqqam
u jsaqqi.

Hija Festa tal-qassab li jagħmel qfief, ċestuni, qartalla,
u ġwielaq għall-ġbejniet.

L-imnarja festa tar-raħħal
li jrabbi baqar, għoġiela, żwiemel u ħmir
Ħnieżer, nagħaġ u mogħoż
fniek u tjur ta' kull xorta.

Festa tal-ħaddied li jagħmel
sikka, magħżqa, zappun u fies.

Tal-mastrudaxxa li jagħmel
roti, karrettuni, xwiebi, lasti tas-silla u xi marloċċ.

Hija Festa tal-bennej li jibni
ħitan tas-sejjieħ
gorboġ u girna
plier u ħorża
ħwat u kanali tal-ilma.

Hija wkoll il-Festa tal-mara
li teħleġ u tinseġ suf u qoton
xogħol tal-ganċ u tan-newl
kutri, ħwejjeg, trieħi u purtieri
ilbies mix-xoqqa u fustun
ħariri u bizzilla mill-ifjen
jiġu l-Imnarja l-bdiewa min-naħa ta' fuq
bil-bettieħ, dulliegħ, għeneb u frawli
minn nofs Malta, patata, basal, għeneb u frawli
mill-bqija tal-gżira; tuffieħ, lanġas, ħawħ, berquq, lumi w larinġ
u kull xorta ta' frott li taf tagħti "DIN L-ART ĦELWA"
għaġeb dan kollu minn naqra ħamrija tal-Gżira.

Għalhekk kienu jiġu l-Buskett
biż-żaqq
u t-tanbur
żufżafa u flawt
bil-kitarri, vjolini u mandolini
jgħannu l-għanja ta' ringrazzjament lill-ħamrija u l-għelieqi ta' Malta.

"Niżżik ħajr ħamrija ħamra
għax żrajt waħda u tajtni mija
kmieni, kmieni ngħabbi l-bhima
u nitlaq għall-pitkalija

u b'li naqla' lill-maħbuba
nixtrilha koċċ deheb sabiħ
biex sen'oħra għall-Imnarja
il-Buskett inġibha bih"
***

**Fredu "l-Fra"**
**15/06/2016**




**Fredu jdoqq il-kitarra liebes bil-berritta.**

Fredu Cachia joqgħod f'Hoppers Crossing, f'Melbourne, u huwa ħu l-Mons. Lawrence Cachia, il-kittieb studjuż tal-lingwa Maltija f'Malta.
Fredu bena d-dar tiegħu fuq xi ħames *acres* bi stil Malti li sejħilha "Ir-Razzett".
Fredu huwa poeta, kitarrist tal-Għana u għannej ukoll. Huwa wieħed mill-kitarristi Maltin li hemm f'Melbourne u waqt li huwa poeta bi stil uniku, huwa wkoll oriġinali u umoristiku.
Fredu huwa miżżewweġ lil Vickie (Vitor) u oriġinarjament huwa minn Ħaż-Żebbuġ.

***

**IŻ-ŻGĦOŻIJA**

Sitwazzjoni li ma tifhimhiex,
mimlija enerġija b'entużjażmu;
xejn ma waqqafha f'dak li ħasbet,
u baqgħet għaddejja kollha sarkażmu.
Għalxejn tipprova tifhem il-għala,
u kif il-ħajja hija tilqagħalha.

Tagħha biss tajjeb għax b'saħħitha;
ma tħarisx 'il bogħod, imma lejn dak tal-lum;
xejn ma tqis bil-kbir f'dak li jiġri,
għax f'tfulitha kibret tintlagħab bħal ballun.
Bla prinċipju għax hi tibdel sikwit,
lanqas ma tħalli dak li hu biswit.

Kuraġġuża għax fid-dlam tidħol;
madwarha ma tqis x'hemm x'jista' jiġrilha;
basta għall-ġdid taħdem biex issib,
għax l-għerf żagħżugħ ta' moħħha hekk jurilha.
Imbagħad naraw wara x'irid ikun!
Xi ħaġa tgħid biex tieħu xi raġun.

Hemm wisq quddiemha li fixkilha;
il-kbar għorrief triqitha jitilfulha,
bl-eżempju ħażin li jgħaddulha,
u joħonquha biex triq itellfulha.
Waħedha taf, ma tqumx fuq saqajha,
b'hekk lix-xiħ m'għandhiex tħallih warajha.

**JOSEPH BONNICI**

**Il-ĦOLMA TAŻ-ŻGĦOŻIJA**

Tbexbix is-sebħ imellsilha wiċċha,
xħin 'x-xemx tkun tielgħa fis-smewwiet,
imbagħad fis-siegħa meta tibda tnin
se tirrifletti ruħha f'għajnejha lewn akwamarin.
U meta l-kwiekeb jinxtegħlu se tħoss tal-lejl it-tgħannieq
taħt dak il-friex fid-dlam għammieq.

Bil-fjuri darba bdiet toħlom,
bil-ward sabiħ madwarha aħmar nar,
li nbidel minnufih fi xtajta vojta
u sabet ruħha ħdejn il-baħar.
F'dak ix-xenarju lilu rat mill-bogħod,
b'libsa bajda, xagħarha jtir mar-riħ bdiet riesqa lejh bil-mod,
waqt li qed tħoss li se tintilef fil-ħars tiegħu setgħan
bħall-qatra xita f'oċean.
Oh, kemm tixtieq ma tistenbaħx ħalli dil-bajja
ma tinbidilx f'miraġġ qarrieqi li hija l-ħajja,
fejn kollox jgħaddi f'ħakka t'għajn taħt 's-sema ikħal nir,
fejn għomor iż-żgħożija wisq qasir.

Ħares f'għajnejha u mellsilha wiċċha
fir-raxx tal-mewġ leqqien
qabel dil-ħolma ma tintilef
fil-labirint krudil taż-żmien.

**YANA PSAILA**




***TIFKIRIET TFULITI* ta' William Grech, 2016.**

**Minn fejn twieldet l-idea li tikteb dan il-ktieb ta' tifkiriet? Xi snin ikopri bejn wieħed u ieħor?**

L-idea li nikteb ktieb ilha ħafna tberren ġo moħħi; kont ilni s-snin naħseb fuqha! Il-kitba nħobbha, u l-idea nibtet mill-fatt li kważi kull darba li niltaqgħu l-familja kollha: ommi, missieri, oħti, xi zijiet u l-iktar il-kuġini, dejjem nispiċċaw f'xi mument minnhom nitkellmu u nirrakkuntaw xi episodji ħelwin u nostalġiċi mill-passat! Kulħadd jirrakkonta mil-lenti tiegħu. U nispiċċaw kollha nitbissmu u nidħku bil-praspar u bl-istejjer li nkunu għaddejna minnhom fil-passat. Din il-ħaġa kont inħossha wkoll meta niltaqa' ma' xi ħbieb ta' żmien it-tfulija. Ir-rakkonti u t-tifkiriet ma jonqsux! Darba minnhom għadda ħsieb minn dan l-għaref moħħi — Min jaf li kieku nibda nikteb xi ħaġa minnhom? Hekk għamilt u rnexxieli ngħaqqad ftit iktar minn mitt storja li prattikament jibdew minn mindu kont tfajjel ċkejken u jkomplu sejrin sa meta kont l-Università.

**Dak li tuża inti hu stil ta' kitba mexxej, dirett u sempliċi. Għandek xi kittieb/a li tikkunsidra bħala mudell/i?**

Il-kitba li ktibt hija kitba li jifhimha kulħadd. Ippruvajt nikteb u nuża dak il-kliem li jien u ħafna oħrajn nużaw meta nitkellmu fil-ħajja ta' kuljum. Bħala kittieb favorit u speċi ta' mudell inżomm lil Trevor Żahra, u nħobb naqra ħafna l-kotba ta' Ġużè Stagno. Il-kotba ta' Trevor Żahra nista' ngħid li trabbejna bihom u għalhekk nagħtihom ċerta importanza, filwaqt li l-kotba ta' Ġużè Stagno laqqgħuni ma' stil ta' kitba li qatt qabel ma' kont rajt!

**Kemm huma importanti għalik il-qari u l-kitba?**

Il-qari u l-kitba llum il-ġurnata nqishom bħala xi ħaġa li ma ngħaddix mingħajrhom. Meta kont żgħir, rari kont naqbad ktieb b'idi. Min jaf kemm-il darba ommi qerditli biex naqbad xi ktieb ħalli naqra u nistudja, iżda l-kotba kienu jirritawni! Illum il-ġurnata, li naqra għall-gost u mhux għax bilfors, l-istorja differenti. Ta' kuljum inħobb naqra xi ħaġa qabel norqod! Imqar xi ħaġa ċkejkna u sempliċi. Biż-żmien, il-qari tal-kotba webbilni biex inħarbex xi ħaġa jien: poeżiji u stejjer. Illum, naħseb li nista' nammetti li dawn it-tnejn ma ngħaddix mingħajrhom.

**Kif torbot flimkien xogħlok mal-qasam tas-saħħa u l-kitba?**

Xogħli fil-qasam tas-saħħa jinvolvi l-kuntatt dirett man-nies. Permezz tal-kitba tiegħi xtaqt nipprova nagħmel l-istess. Xtaqt li permezz ta' dawn l-istejjer noħloq sens ta' komunikazzjoni ma' tipi ta' persuni differenti, kemm ma' dawk li għexu miegħi fit-tfulija kif ukoll man-nies li qatt ma kienu jafuni. Barra minn hekk, peress li xogħli fil-qasam tas-saħħa jiżvolġi kemm fil-pożittiv kif ukoll fin-negattiv, minħabba ċertu mard, ġieli wkoll ikun ta' ispirazzjoni għal xi kitbiet, stejjer u poeżiji li nikteb.

**Temmen li l-kitba hija terapija kemm għal min jiktibha kif ukoll għal min jaqraha?**

Iva, nemmen ħafna li l-kitba hija terapija, u nista' ngħid dan minn esperjenzi personali. Il-kitba ta' dawn l-isejjer għenitni nerġa' nqum fuq saqajja u nerġa' nħares lejn il-passat u nitbissem f'mument meta f'ħajti kont qed nara biss dlam! Fi ftit kliem, din il-kitba għenitni nerġa' nitwieled mill-ġdid. Erġajt bdejt nara l-ħajja minn lenti pożittiva. Reġgħu tawni d-dawl. Mill-banda l-oħra, nemmen ukoll li l-qari huwa tip ta' rilassament u jista' jkun ukoll ta' ispirazzjoni għall-ħajja ta' kuljum, apparti li ċertu tip ta' qari joħloq tbissima fuq fomm il-qarrej!

**Kemm huma importanti għalik il-konċiżjoni u l-fatt li l-kitba tiegħek tnissel ukoll ximindaqqiet tbissima?**

Il-konċiżjoni nħobbha, mhux biss fil-qari u l-kitba imma anki fil-ħajja ta' kuljum. Ma nħobbx indur mal-lewża imma nħobb ngħid kollox fil-qosor, l-aqwa li nkun skjett. Fl-istejjer tiegħi ppruvajt inkun konċiż, kemm fil-kliem li użajt kif ukoll fl-adattament tal-istejjer. Fil-fatt l-istejjer li ktibt huma kollha qosra ta' mhux iktar minn tliet paġni, biex dak li jkun ma jiddejjaqx jaqra u jkollu iktar libertà fil-qari tiegħu. Il-ħajja llum nqisha wisq serja u nieqsa minn ċertu sens ta' umoriżmu. Dan il-fatt ispirani biex fl-istejjer li ktibt daħħalt dik in-naqra praspura u xi kummiedja ta' meta kont ċkejken. Tifel anġlu ma kontx u għalhekk ma kinitx problema biex indeffes xi praspar li joħolqu tbissima. Ma niddejjaq xejn li n-nies jidħku u jitbissmu għall-affarijiet li għaddejt minnhom jien. Wara kollox, jekk nitgħallmu nidħku bina nfusna u b'dak li nagħmlu, il-ħajja tkun ħafna iktar serena u feliċi!

**L-importanza tat-tifkiriet u r-rispett lejn l-imgħoddi tagħna, flimkien man-nies li għexu qabilna. Xi tgħid dwar dan?**

Jien persuna b'karattru nostalġiku ħafna. Inħobb ħafna nisma' u nitgħallem fuq il-passat, kemm dak riċenti kif ukoll dak imbiegħed. Wara li tgħix u tgħaddi minn xi esperjenza, kull ma jifdal huma biss il-memorji. Mill-imgħoddi kulħadd jista' jitgħallem. L-istorja u l-passat jistgħu jkunu ta' tagħlim infinit. Inħobb naqra u nsegwi persuni u bijografiji ta' nies li għexu qabilna. Bis-saħħa tagħhom u ta' dak kollu li għamlu u għaddew minnu huma, aħna ninsabu fejn ninsabu llum u aħna min aħna. L-istorja u l-passat inħobbhom u naffaxxina ruħi nitgħallem u niskopri affarijet ġodda mill-passat, speċjalment minn passat li nista' anki nirrelata miegħu.

**X'taħseb kellhom tfal fi żmien it-tfulija tiegħek li llum m'għandhomx? Liema huma dawk il-ħwejjeġ li xtaqt ikollok fi tfulitek u li t-tfal tal-lum għandhom?**

It-tfulija l-ħin kollu tvarja. It-tfulija tat-tfal tal-lum hija differenti minn tfuliti, filwaqt li tfuliti hija differenti minn dik tal-ġenituri tiegħi. Jekk hix aħjar jew agħar wieħed ma tantx jista' jgħid! Biss, naħseb li xi ħaġa li t-tfal tal-lum żgur qed jitilfu hija l-logħob u l-ġiri fit-toroq. Bil-ħajja mgħaġġla kif ukoll bil-progress u bl-avvanz li sar, dik il-ħaġa kważi ntilfet għal kollox. Kienet tkun l-għaxqa tiegħi li noħroġ barra fit-triq fejn id-dar tagħna, u flimkien ma' xi kuġini u ħbieb inqattgħulek ġurnata sħiħa nilagħbu barra bil-ballun, niġru fl-għelieqi u nibnu l-kampijiet. Nista' nammetti li kelli tfulija mill-isbaħ u li kieku nista', xorta waħda ma nżid xejn magħha għax naħseb li kienet infawra bi mħabba u b'ħafna nies u ħbieb interessanti.

**Liema tifkira minn dawk li tirrakkonta fil-ktieb baqgħet l-iktar stampata fil-memorja tiegħek? Għaliex?**

Waħda mill-istejjer praspar li għadha ttimbrata f'moħħi sal-lum hija l-istorja bl-isem ta' "Qabża b'*parachute*". Fil-qasor din tinvolvi ġrajja fejn ta' tfal innoċenti li konna, iddeċidejna li nagħmlu *parachute* b'liżar u naqbżu minn fuq il-bejt bih. Jekk trid tkun taf x'ġara, nissuġġerilek taqra l-episodju mill-ktieb! Meta tkun żgħir ċerti affarijiet ma taħsibhomx! Din l-istorja hija ħafna għal qalbi għax filwaqt li fil-ħajja tajjeb li tkun avventuruż u innoċenti, importanti wkoll li żżomm għajnejk

# Il-ktieb u l-intervista (2) kont...

miftuħin u tagħmel l-affarijiet mingħajr għaġla żejda u bil-ħsieb. Ftakar li jew inti jew ta' ħdejk ser ibatu u jħossu l-konsegwenzi, sew jekk tajbin kif ukoll jekk ħżiena!

**Proġetti għall-ġejjieni?**

Proġetti f'moħħi għandi ħafna! Nixtieq u nispera li din mhux ser tkun l-aħħar pubblikazzjoni tiegħi. Diġà bdejt naħseb u niġbor xi stejjer u praspar ġodda fuq tfuliti u l-passat tiegħi. Barra minn hekk, xi żmien ilu kont diġà bdejt nikteb rumanz bil-Malti, li biħsiebni nikkonkludih u nlestih fil-futur qarib. Ħolma li għandi hija li xi darba jirnexxili wkoll nippubblika xi ħaġa relatata max-xogħol li nagħmel fil-qasam tas-saħħa. Il-poeżija tinteressani wkoll u nispera li xi darba jirnexxili nippubblika xi poeżiji milli nikteb.

*Il-kittieb, William Grech, li għandu 35 sena huwa mir-raħal ta' Ħal Safi. Huwa studja għal infermier fl-Università ta' Malta, iggradwa, u bħalissa jaħdem fl-isptar ġenerali ta' Malta. Il-kittieb jista' jgħid li kellu tfulija eċċellenti, eċċitanti u mimlija memorji sbieħ ta' meta kien id-dar, l-iskola, il-mużew u postijiet oħra. Dawn l-istejjer inkitbu biex jibqgħu miġburin fi ktieb u biex jitgawdew minn kull min jitħajjar jaqrahom. Barra minn hekk, il-kitba ta' dawn l-istejjer għenet lill-awtur jerġa' jitwieled mill-ġdid billi jerġa' jħares lejn il-ħajja b'mod pożittiv!*

**IL-KARBA TAR-REFUĠJAT**

Għaliex qed tħares b'din il-ħarsa lejja,
lejn dan il-wiċċ safran, jitolbok ħniena?
Ma ġejtx hawnhekk biex nidħol ġewwa darek,
imma biex tifhem x'kelli nġarrab jiena.

Jien xtaqt li kieku bqajt f'pajjizi, naħdem,
miġbur ma' marti u binti, nieħu ħsiebhom.
'Mma ħrabna lkoll fuq dgħajsa waħda żgħira
biex issa lanqas qiegħed nisma' kliemhom.

Mitluf inħossni u ma nafx fejn sejjer,
bħal dgħajsa mkissra f'maltempata kbira.
Imxarrab għasra u b'nofs ġismi mdemmi
hawn fuq il-blat mixħuta qisna lsiera.

Ilqagħni miegħek wara din il-ġrajja.
Tħarisx lejn dan il-wiċċ batut, samrani.
Jien zgur li tista' ttaffi ftit minn ġrieħi
u tgħinni biex ferħan mill-ġdid tarani.

Qabbadni dak li trid, forsi nitrejjaq.
Imqar niknes it-triq fejn tgħaddi inti.
Nixtieq li nerġa' nsib mistrieh ġo qalbi
u ningħaqad mill-ġdid ma marti u binti.

**JOSEPH SCIBERRAS**
**(Ħ'Attard)**



# id-diskors ta’ perikle



**Traduzzjoni ta’ Victor V. Vella, B.A., M.A. (Sydney University)**

**L-EWWEL PARTI**

Wara t-tieni invażjoni tal-gżejjer Peleponiżi, fosthom Sparta, kontra l-Griegi tal-istat ta’ Ateni (madwar 404 qabel Kristu), il-ġeneral tagħhom Perikle ttenda kemm ic-cittadini tiegħu, l-Ateniżi, ħassew it-telfa u l-qerda. Fehem u ħass ukoll li ħafna kienu tefgħu fuqu t-tort ta’ dak li ġara. Laqqa’ l-Assemblea, speċi ta’ Parlament, u għamel wieħed mill-isbaħ u mill-aqwa diskorsi li qatt għamel mexxej lill-poplu tiegħu :

“Kont nistenna din il-furja ta’ korla min-naħa tagħkom kontra tiegħi, għax jien nifhem u nemmen x’hemm warajha. U appuntu għalhekk laqqajt din l-Assemblea biex infakkarkhom f’dawk id-deċiżjonijiet li ħadtu u wkoll biex inkun nista’ nippreżenta l-każ tiegħi kontra tagħkom. Ikollna ċans nesploraw jekk kienx hemm xi ħaġa kontra r-raġuni rigward il-korla tagħkom kontra tiegħi u wkoll kif intom urejtu u ħassejtu l-isfortuna li ġratilna. Fl-idea tiegħi meta l-istat jew in-nazzjon ikun miexi sewwa, ikun jaqbel għal kull individwu għax inkunu nistgħu nissodisfaw l-interessi tagħna nfusna. Imma meta l-interessi tagħna persunali jiġu l-ewwel waqt li l-istat ikun sejjer lura , dik hi storja oħra.

L-individwu fis-soċjetà jista’ jkun sinjur kemm irid imma fl-istess ħin jista’ wkoll, bl-atteġġjament tiegħu jieħu parti fil-tifrik tal-pajjiż jekk u meta dan iseħħ. Min-naħa l-oħra meta l-istat innifsu jkun b’saħħtu, l-individwu għandu iżjed ċans li jerġa’ jqum fuq saqajh f’każ ta’ kriżi.

Allura jekk stat jista’ jgħin lill-individwu meta jkun taħt id-deffa ma jaqblilniex li aħna flimkien niġġieldu u naħdmu biex niddefendu l-istat jew in-nazzjon tagħna? Ma tarawx li dak li qegħdin tagħmlu u kif qegħdin taġixxu bħalissa hu kontra dan? Tant iddispjaċikhom bid-diżastru li għaddejna minnu li donnkom qegħdin titilfu r-raġuni rigward is-sigurtà tal-istat. Nifhimha li intom issa qegħdin tikkritakawni għax fil-bidu kont tkellimt favur il-gwerra li intom stess ivvotajtu favurha.

Ngħid għalija, jekk intom irrabjati għalija, intom rrabjati għal wieħed li, jidhirli jien, li hu kapaċi daqs kemm il-wieħed minnkom hu, li jara u jaf x’hemm bżonn li jsir. Wieħed li jħobb lil pajjiżu, wieħed li l-flus ma jagħmlux bih. Bniedem li għandu l-għerf imma m’għandux il-kapaċità li jesprimih tridu tqisuh li m’għandux dan l-għerf. Imbagħad min għandu dawn it-tnejn u m’għandux l-imħabba għal pajjjiżu ma naħsibx li jkun kapaċi jitkellem kif imissu għal dawk li huma taħtu. U jekk għandu dan kollu imma mhux kapaċi jirreżisti li jiġi mixtri minn xi ħadd allura dan il-gwaj fil-karattru ta’ dak li jkun hu bizżejjed li juri li dak il-mexxej jista’ jiġi mixtri u jista’ jinxtara. Allura meta intom qbiltu miegħu u aċċettajtu l-parir li tajtkom u morna niġġieldu intom kontu tafu tajjeb li l-passat tiegħi rigward dawk il-kwalitajiet li semmejt hu naqra aħjar minn ta’ mexxejja oħra. Dawn huma kollha sinjali li hija ħaġa inġusta li takkużawni li jien għamilt xi ħaġa li mhix sewwa.

Jekk wieħed għandu l-għażla f’idejh u jista’ jgħix mingħajr tfixil, tkun ħaġa bla sens li jagħmel gwerra. Imma suppost li l-għażla ġiet fuqna u kellna nagħżlu bejn l-iskjavitù u s-sottomissjoni barra l-periklu li ma nibqgħux neżistu bħala stat… f’dan il-każ jien, ngħid għalija nippreferixxi wieħed li jkollu l-kuraġġ li jieqaf għal dan il-periklu milli wieħed li jaħrab minnu.

Jien għadni l-istess, u mhux beħsiebni li nbiddel. Intom tbiddiltu. Li ġara kien dan: intom smajtu milli għedtilkom meta kien għadkom tgawdu ħajja tajba u ddispjaċikom meta d-dinja tagħkom bdiet titbiddel. Ir-raġuni hi waħda: li għax issa qegħdin tħossu t-telfa, qegħdin turu li r-riżoluzzjoni tagħkom hi fjakka u li l-pjanijiet u l-politika tiegħi jidhru għalikom li kienu żball.

Nammetti li l-politika tiegħi tfisser tbatija u kull

wieħed minnkom tafu dan x'ifisser. Imma nispera li tifhmu wkoll li l-benefiċċji tal-pjani tiegħi huma fil-futur u mhux tant cari li tistgħu tarawhom.

Meta l-affarijiet jiġru malajr u mingħajr ma tkun tistennihom, taqta' qalbek jekk ma titlifhiex għal kollox. U nifhem li dan hu li ġara, bil-pesta li għaddejna minnha wkoll qabel il-gwerer li kellna…. u li tlifna. Imma tridu tiftakru li intom, intom ċittadini ta' stat ta' fama u li intom trabbejtu f'kultura li hi denja ta' dan l-istat. Allura tistenna li intom tkunu lesti li tifthu sidirkom għall-ikbar diżastru u tkunu determinati li ma titilfux l-unur u l-glorja li hi tagħkom.

Aħna ngħollu mneħirna lejn dawk li jippretendu bl-arroganza kollha, it-taparsi unuri li jmisshom. Imma aħna lanqas aħna minn dawk li nfaħħru lil dawk li minħabba n-nuqqas tal-kuraġġ morali, ma jkollhomx il-kuraġġ li jiġġieldu għall-isem tajjeb li għandhom diġà.

Għalhekk kull wieħed minnkom irid jipprova jifga d-dubji u d-dwejjaq persunali li għandu u jingħaqad mal-oħrajn biex naħdmu flimkien għall-ġid u għas-sikurezza tagħna lkoll…'

**IT-TIENI PARTI**

'U jekk taħsbu li, dak li sofrejna matul il-gwerra se jkompli jikber qabel ma naslu għar-rebħa, imisskom tkunu sodisfatti bl-argumenti li użajt spiss li m'hemm l-ebda post għal dan il-biża'. Hemm punt ieħor li nixtieq insemmi. Meta nitkellmu fuq il-qawwa tal-imperu tagħna hemm vantaġġ wieħed li qatt ma tajna kasu, u li jien min-naħa tiegħi qatt ma semmejtu. Fil-verità billi tinstema' bħal tifħir ftit jew wisq lanqas ma kont se nagħmel użu minn dan l-argument f'din iċ-ċirkustanza. Biss, billi qiegħed ninnota li intom għaddejjin minn żmien meta n-nuqqas ta' kuraġġ ħakimkom sewwa, se jkolli nużah. Bħalissa intom qegħdin tħossu li l-imperu tagħna jikkonsisti fl-alleati tagħna. Imma isimgħuni sewwa: id-dinja ta' madwarna nistgħu naqsmuha fi tnejn, l-art u l-baħar, u l-bniedem għandu bżonn kull parti. Intom għandkom kontroll fuq parti waħda minn dawn. Bil-flotta tagħna kif inhi llum, m'hawn l-ebda poter fid-dinja - sew ir-Re tal-Persja kif ukoll kull stat li hawn fid-dinja - li jista' jżommna milli inbaħħru fejn irridu. Din il-qawwa li għandna fuq il-baħar hija superjuri għal kollox mill-qawwa li għandna fuq l-art. Meta titilfu d-djar u l-art, intom tħossu li tliftu xi ħaġa kbira: fil-fatt m'għandkomx teħduha daqshekk bi kbira. Tridu tqisu kollox b'ċertu bilanċ u tiżnu din it-telfa ma' dak li baqgħalkom u tqisu li dak li tliftu m'hu xejn ħlief ix-xniexel li jmorru mal-lussu u mal-għana.

Ftakru wkoll li l-libertà, jekk aħna kapaċi inżommu l-libertà tagħna bl-isforzi tagħna, tgħinna biex nerġgħu niksbu l-pożizzjoni li kellna ftit snin ilu. Min-naħa l-oħra jekk aħna nintelqu f'idejn ħaddieħor, nitilfu dak li għadu tagħna.

Ara qatt tinżlu 'l isfel mil-livell li laħqu missirijietkom, li mhux biss rebħu imperu mingħajr għajnuna ta' ħadd, imperu li waqqfu u kabbru bil-ħidma u bl-għaraq ta' ġbinhom. Fuq kollox ħadmu wkoll biex iżommu dan l-imperu ħaj u salv, ħalli jgħadduh lilkom. Tajjeb li ngħidilkom ukoll li hi iżjed diżgrazzja li jisirqulek dak li għandek milli li jonqoslok il-kuraġġ biex tidħol fi gwerra oħra.

Ghal dan ma rridux biss kuraġġ imma għandkom bżonn ta' fidi fis-superjorità tagħkom, li għandha tqanqalkom biex tiġġieldu kontra l-għadu. Veru li din il-fidi ġejja minn tahlita ta' injoranza u xorti tajba, u jistgħu jħossuha saħansitra min hu beżżiegħ. Imma dan is-sens ta' superjorità li qiegħed nitkellem fuqu, jigi biss lil dawk li bħalna għandhom skużi biżżejjed biex jifhmu li qegħdin f'pożizzjoni aħjar mill-għadu.

U meta l-ġlieda tkun bilanċjata, ikun il-moħħ… l-intelliġenza li ssaħħaħ il-kuraġġ, dik l-intelliġenza li tgħin lil wieħed li ma jistma' xejn lill-għadu u li ġġiegħlu jaffrontah mhux biss billi jaħseb f'riżultat tajjeb imma billi iqis sewwa x'inhuma l-fatti. B'hekk ikollu idea aħjar ta' dak li jista' jistenna.

Għalhekk hija ħaġa sewwa u ta' fejda li tagħtu l-għajnuna ħalli nżommu d-dinjità imperjali ta' Ateni. Naf li intom kollha kburin minn dan. Tifhmu wkoll li ma tistgħux tkomplu tgawdu l-privileġġi mingħajr ma tiddefendu u terfgħu t-toqol tal-imperu. U ara ma taħsbux li qegħdin niġġieldu biss għal-libertà jew skjavitù. Hemm fin-nofs ukoll it-telfa tal-imperu. Hemm wkoll fin-nofs dik il-mibegħda li aħna dabbarna għax mexxejnieh sewwa. Lanqas nistgħu nġibu l-iskuża li fis-sitwazzjoni li qegħdin fiha, kif aħna mbuttati b'apatija politika, jaqbel li nuru l-

bandiera bajda.

L-imperu tagħkom issa qisu tbiddel f’tiranija. Forsi kien żball li ppruvajna nerbħuh: żgur li jkun għajb u pass perikoluż li nitilfuh. U dawk li qegħdin jitkellmu u jaħsbu fuq dik il-linja u jipperswadu oħrajn biex jagħmlu l-istess żgur li jwassluna għat-telf u għar-rovina. Għax dawk li huma berdin rigward il-politika tagħna jirnexxu biss jekk isibu min jgħinhom u jġegħluhom jaħsbu bħalhom. Sfortunatament, dawn x’aktarx li jkunu nies li kapaċi jiġġieldu. Nies bħal dawn m’għandhomx post f’belt li tikkontrolla imperu għalkemm ikunu jħossuhom kuntenti f’belt li tkun taħt idejn ħaddieħor.’

-------------------------------

**IT-TIELET PARTI**

‘Ma jmisskomx tħallu nies bħal dawn imexxukom minn imneħirkom u dduru kontra tiegħi, intom li qbiltu miegħi meta ddeċidejna li niddikkjaraw gwerra. Ċertament l-għadu ħabat għal pajjiżna u għamel dak li ssoltu jagħmel għadu, għax aħna żammejnielu. Imbagħad ġiet il-pesta, diżastru ieħor li ma konniex nistennew. Jien naf tajjeb li minħabba dan kollu intom dortu kontra tiegħi, inġustament, sakemm ma twaħħlux fija wkoll għat-tajjeb li ġralna u li donnu, għal xi ħadd, ġie mis-sema. Imma hu sinjal tajjeb li nkunu kapaċi naċċettaw bir-rassenjazzjoni dak li jibagħtu l-allat u li niġġieldu bil-kuraġġ. Din kienet id-drawwa tagħna bħala Griegi: tħallux lil xi azzjoni tagħkom tkisser din it-tradizzjoni!

Ftakru li Ateni tgawdi l-isbaħ isem fid-dinja kollha għax qatt ma beżgħet mil-gwerra, anzi ħliet, biex ngħid hekk, u użat ħafna enerġija u ġġieldet fi gwerer ħafna iżjed minn pajjiżi oħra. B’hekk rebħet l-ikbar poter li qatt laħaq pajjiż fid-dinja, b’dik il-qawwa u dak il-poter li jibqa’ mfakkar għal ħafna snin, saħansitra issa stess, b’dak kollu li ġralna. Imma jiena ċert li l-ħaġa li tibqa’ mniżżla fil-memorja hi din: li ksibna l-aqwa poter fuq l-istati Griegi kollha, li żammejna iebes kontra l-forzi magħqudin tagħhom li rnexxielna nibnu u ngħixu fl-aqwa belt u fl-aqwa stat.

Naturalment dan kollu ma jfisser xejn għal dawk li ma jagħtux kas tal-politika. Imma ibqgħu ċerti li dawk li bħalna jippreferixxu ħajja attiva, dawn jippruvaw jagħmlu bħalna u jekk ma jirnexxilhomx iġibu dak li rbaħna, xorta jgħiru għalina u għal dak li rnexxielna nagħmlu. Tajjeb li niftakru li dawk li daħlu u ħadu f’idejhom il-kariga li jmexxu lill-oħrajn inizżlu fuqhom ħafna għira u kritika u malajr jitilfu l-popolarità, almenu għal ftit. Imma jekk wieħed ikollu skop, skop għoli li jiġġieled għalih, dan it-toqol tal-għira jrid jiġi aċċettat u tkun għaref li taċċettah. Il-mibegħda ma għandhiex ħajja twila; tinsewx li s-sabiħ tal-preżent hu l-glorja tal-futur ippreżervat fil-memorja tal-bniedem hu min hu. Intom responsabbli li żżommu din il-glorja għall-futur u li ma tagħmlu xejn, issa, li jkun t’ diżunur għalina. Wasal il-ħin li turu l-enerġija tagħkom ħalli tiksbu dawn iż-żewġ skopijiet.

Ħa ngħidilkom: la tibagħtux ambaxxaturi fi Sparta; tagħtux l-impressjoni li tinsabu mtaqqlin b’dak li ġralna. Li tilqa’ u taċċetta dak li jiġrilek b’moħħ miftuħ u li tiġġieled kontra tiegħu minnufih... dak hu l-veru kuraġġ, kemm ta’ belt kif ukoll ta’ individwu.

---------------------------------

**SKYLARK**

Skylark
have you anything to say to me
won't you tell me where my love can be
is there a meadow in the mist
where someone's waiting to be kissed

Skylark
have you seen a valley green with spring
where my heart can go a-journeying
over the shadows and the rain
to a blossom covered lane

And in your lonely flight
haven't you heard the music of the night
wonderful music, faint as a will o' the wisp
crazy as a loon, sad as a gypsy serenading the moon

Oh, Skylark
I don't know if you can find these things
but my heart is riding on your wings
so if you see them anywhere
won't you lead me there.

**BOB DYLAN**
**(mill-album *Fallen Angels*, 2016)**

# ktieb mill-qrib (2)

Hilary Spiteri




***FILIAL CHURCHES IN MALTA. QORMI - A CASE STUDY* ta' Hilary Spiteri, Horizons, 2016.**

L-interess u l-professjonalità ta' Hilary Spiteri bħala artist, storiku tal-Arti, riċerkatur u għalliem tal-Arti kienu diġà spikkaw fl-ewwel pubblikazzjoni tiegħu *Academic Artistic Training in Early British Malta*, ippubblikat mill-Allied Publications fl-2011. Issa, ħames snin wara, Spiteri qed jerġa' jagħtina xogħol mill-isbaħ ibbażat fuq riċerka li ħadet is-snin, imżewqa b'għadd ta' ritratti tal-kappelli li wieħed isib fir-raħal ta' Ħal Qormi, disgħa b'kollox - u ħafna iktar - meħudin mill-kittieb stess.

Ir-raħal ta' Ħal Qormi għandu storja dokumentata li tmur lura għal iktar minn sitt sekli u l-popolazzjoni tiegħu minn dejjem kienet fost l-ikbar fil-Gżejjer Maltin. Matul is-sekli dan ir-raħal tana numru mdaqqas ta' artisti, letterati u professjonisti oħrajn. Minkejja li bosta kittieba u studjużi oħrajn kitbu dwar il-kappelli tal-Gżejjer Maltin, inklużi dawk li jinsabu f'Ħal Qormi, Hilary Spiteri jirnexxili joħroġ għad-dawl għall-ewwel darba tagħrif li ilu midfun f'arkivji varji għal sekli twal.

Il-ktieb għandu Daħla mill-istoriku Dr Joseph F. Grima. *Filial Churches in Malta. Qormi - A case Study* (240 paġna, ISBN 9789995763350) huwa maqsum f'sitt taqsimiet prinċipali. Spiteri jagħtina Introduzzjoni għas-suġġett, segwit minn kapitlu bl-isem ta' "Filial Churches in Malta: A Historical Overview". Dan jurina li Spiteri jitlaq minn stampa ħafna iktar usa' minn dik dejqa tar-raħal Malti. Dan hu ktieb li jissejjes ukoll fuq studju komparattiv ladarba Spiteri jqiegħed lill-Gżejjer Maltin fil-kuntest Ewropew.

Spiteri mbagħad jikteb dwar il-Knisja Parrokkjali ddedikata lil San Ġorġ f'Ħal Qormi, u dwar il-knejjes filjali tal-lokal: tal-Assunta, magħrufa bħala Tal-Blat; ta' San Pietru; tal-Assunta, magħrufa bħala Ta' Qrejċa; tan-Natività tal-Madonna; ta' Santa Katarina ta' Alessandrija; tal-Assunta, magħrufa bħala Tal-Ħlas; ta' San Franġisk ta' Paola; tal-Annunzjata; u ta' San Bastjan. Jispiċċa b'kapitlu fejn jagħtina evalwazzjoni storika tal-Knejjes Filjali f'Malta.

Il-ktieb għandu wkoll noti u referenzi, Appendiċi fejn wieħed jista' jara l-flus li kienu jintefqu f'rabta mal-Knejjes Filjali f'Ħal Qormi fis-seklu 18, Biblijografija vasta u Indiċi alfabetiku. Il-preġju ta' ktieb bħal dan mhux biss it-tagħrif li naqraw fil-kapitli ewlenin, imma anki l-għadd kbir ta' ritratti bil-kulur li hemm ġewwa (xogħol Spiteri stess) u anki t-tagħrif li Spiteri jorbot ma' kull ritratt inkluż hawnhekk.

Kemm *Academic Artistic Training in Early British Malta*, kif ukoll *Filial Churches in Malta. Qormi - A case Study*, għandhom iservu bħala rigal mill-isbaħ għal dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-qasam artistiku-storiku Malti. Il-fatt li hu miktub bl-Ingliż huwa ta' vantaġġ ladarba jista' jinxtara u jitgawda wkoll minn dawn kollha li ma jifhmux l-ilsien Malti.

Għal darb'oħra Hilary Spiteri wriena li minkejja ċ-ċokon ġeografiku ta' dawn il-gżejjer tagħna, il-partimonju artistiku huwa enormi, parti kbira minnu għadu mistur fl-arkivji u rkejjen varji oħra. Dan huwa wirt li jeħtieġ riċerkaturi u studjużi serji u ddedikati sabiex bil-mod il-mod joħroġ għad-dawl ħalli jitgawda minn kulħadd u jkompli jqiegħed lill-Gżejjer Maltin fuq il-mappa mhux biss Ewropea imma anki dinjija.

# il-ktieb u l-intervista (3)

Joe Axiaq




***IL-BOGĦOD LI JIFRED* ta' Joe Axiaq (Awstralja) , 2016**

**Naf li dan is-sajf kont Għawdex u Malta. Kemm kont ilek ma tersaq 'l hawn? Kif sibtha s-sitwazzjoni f'dawn il-gżejjer? Sabiħ u ikrah li ltqajt miegħu?**

Kien ilni ma nkun Malta u Għawdex għal seba' snin. Innutajt il-ħajja mgħaġġla u l-karozzi fit-toroq waqt li għadu jiddomina l-ambjent u l-karattru Malti. Innutajt in-numru ta' barranin jaħdmu Malta. Sinjal tajjeb għax hemm ix-xogħol. U ħafna tfal tal-Maltin u l-Għawdxin mitfugħin għal aktar studju u karrieri professjonali. Kienet sorpriża li tipprova titkellem ma' xi wejters jew sewwieqa tax-xarabanks bil-Malti u jgħidulek tkellimhom bl-Ingliż għax ma jafux bil-Malti. U kemm hi sabiħa li ħaddiema barranin jibbukkjaw it-tours madwar Malta u fuq il-baħar madwar il-fortifikazzjonijiet u jgħidulek fuq l-istorja ta' Malta. Każ li laqatni kien ta' barrani li pprova mill-aħjar li jista' jkellem lil wejter Malti bi ftit frażijiet li tgħallem bil-Malti. Il-wejter qallu biex ma jikkonfondi xejn u jkellmu bl-Ingliż, minflok inkoraġġih u għenu jkompli jitgħallem ftit Malti. Innutajt in-numru ta' djar u appartamenti vojta u għall-bejgħ waqt li l-bini għadu tiela' bl-addoċċ. Bħall-Awstralja kulħadd mgħaġġel u għandu x'jagħmel bix-xogħol jew bl-istudju. Meta kont noħroġ nimxi f'ċerti toroq u postijiet f'Għawdex, anke fl-eqqel tal-ġurnata, allaħares ma kinux it-turisti għax it-toroq kienu jkunu baħħ.

**Kemm inbidlu l-gżejjer Maltin mill-1974 – is-sena meta inti emigrajt lejn l-Awstralja – sal-preżent? Naf li għalikom il-Maltin-Awstraljani d-distanza spazjo-temporali bejn il-gżira kontinent u l-gżejjer tagħna żiedet mhux naqqset l-imħabba tagħkom lejn dawn tal-aħħar. Kemm hu minnu dan għalik?**

Illum il-gżejjer Maltin huma gżejjer ta' opportunità u ta' karriera daqs il-kumplament tad-dinja. Infatti ssib ħafna barranin professjonali jaħdmu f'Malta. U ssib Maltin-Awstraljani li kienu marru l-Awstralja għal futur aħjar kif ktibt ħafna fin-novelli tiegħi u li llum reġgħu lura Malta għax irrealizzaw li għalihom f'Malta jista' jkun hemm futur aħjar mill-Awstralja. Illum id-dinja ċkienet u ssib li ħafna Maltin irtirati fl-Awstralja, jinżlulek Malta u Għawdex kull sena biex igawdu s-sajf Malti. M'għadx hemm dik l-idea ta' turufnament u firda mill-familja. Min-naħa l-oħra għalkemm l-emigrazzjoni minn Malta għall-Awstralja kważi spiċċat issib dawk iż-żgħażagħ professjonisti Maltin li jiġu l-Awstralja għal vaganza u togħġobhom tant li jibqgħu hawnhekk. Għal minn bħali jkun trabba f'Malta jew f'Għawdex dik ir-rabta ma' art twelidu ma tispiċċa qatt, anzi tikber meta tkun 'il bogħod. Min-naħa l-oħra pajjiż bħall-Awstralja li jilqgħek u fejn illum għandi t-tfal, inħoss in-nuqqas tiegħu kieku kelli niġi noqgħod Malta. Għalhekk illum ngħid li Għawdex art twelidi u l-Awstralja pajjiżi.

**L-aktar pubblikazzjoni reċenti tiegħek hija ġabra ta' 26 rakkont qasir bl-isem ta' *Il-bogħod li jifred* (2016). Fiha toħroġ sewwa din in-nostalġija lejn il-pajjiż li ħallejt warajk, filwaqt li tispikka wkoll il-ħajja ġdida tal-Maltin f'inħawi diversi fl-Awstralja. Xi tgħid dwar dan?**

Jien inħoss li dawn in-novelli jirrakkuntaw parti mill-istorja tas-snin ħamsin u sittin tas-seklu l-ieħor meta l-emigrazzjoni minn Malta u Għawdex kienet fl-aqwa tagħha, fi żmien meta l-ħajja fil-gżejjer Maltin kienet differenti ferm mil-lum. Jien esperjenzajtha meta

kont tifel sakemm jien ukoll tlaqt lejn l-Awstralja. Però, jien mort l-Awstralja meta l-emigrazzjoni kienet kważi spiċċat għal kollox. Billi ngħix fl-Awstralja issa naf ukoll kif jgħix u jħossu l-Malti Awstraljan.

**F'*Il-bogħod li jifred* tispikka wkoll it-tema ambjentali. Kemm tħoss li din għandha tkun prijorità?**

Jien ħallejt lil Għawdex fi żmien qabel bdiet din l-isplużjoni tal-bini. Fi tfuliti ftit kienu jinbnew djar ġodda fir-raħal. Kellek aktar minn ġenerazzjoni tgħix f'dar waħda u t-tfal ma kinux jitilqu mid-dar qabel jiżżewġu. Iż-żminijiet tal-lum jitolbu ħtiġijiet ġodda. Il-ħasra mhux għax jinbena l-ġdid imma kif u fejn jinbena, għax b'daqsxejn għaqal jista' jkun integrat aħjar mal-ambjent u l-veduta naturali tal-madwar. F'pajjiż żgħir bħal Malta m'hemmx inċentiv biżżejjed biex jintuża l-bini battal. Hekk ukoll il-flettijiet vojta li jintużaw biss għal villeġġjatura meta għandek pass biex tmur il-baħar, toqgħod fejn toqgħod. Aktar ma nindunaw kmieni li s-sabiħ ta' Malta u Għawdex huwa dak li huwa naturali aktar noqogħdu attenti biex nippreservaw dak li fadal. Min iħobb u japprezza lil Malta ma jiftaħarx bit-torrijiet li qegħdin jinbnew illum (din il-kelma ħadet tifsira ġdida dan l-aħħar) għax sirna bħal pajjiżi oħra u ħafna mit-torrijiet ta' żmien il-Kavallieri u bini ieħor storiku żdingat. U daqskemm hi sabiħa triq wiesgħa għas-sewqan komdu tal-karozza, sbieħ ukoll l-isqaqien dojoq, tipiċi Maltin.

**Meta ssib il-ħin biex tikteb? X'tippreferi: il-kitba tal-poeżija jew tar-rakkont? Għaliex dan?**

Il-poeżija ma tistax toqgħod tistenna l-ħin biex tiktibha. Ħafna drabi jekk ma tiktibhiex dak il-ħin jew tagħmel nota sewwa tagħha biex tiktibha meta jkollok il-ħin ikun tard wisq. Barra minn hekk il-poeżija tiegħi ġeneralment hija qasira u naqbad u niktibha nkun fejn inkun. In-novella trid aktar żmien, għalhekk wara li nkun naf kif se niżvolġi l-istorja u l-karattri anki jekk ma nżommx nota bil-miktub tagħha tibqa' f'moħħi sakemm insib il-ħin biex noqgħod bilqiegħda u niktibha. It-tnejn ma ngħaddix mingħajrhom. Nixtieq intemm ukoll rumanz li ilu mibdi ħafna, imma li qatt għadni ma sibt iż-żmien biex nispiċċah.

**Hemm fl-Awstralja pproduċejt ukoll għadd ta' radjudrammi u programmi letterarji għall-SBS. X'tip ta' radjudrammi kienu dawn? Fiex jikkonsistu l-programmi letterarji li ttella'? Min huma s-semmiegħa ta' programmi bħal dawn?**

Għal żmien twil meta kellna programmi kuljum fuq l-SBS kont nippreżenta taqsima letterarja fil-programm tat-Tnejn f'12.00pm. Minbarra aħbarijiet letterarji u qari ta' proża u poeżija ta' awturi u poeti stabbiliti f'Malta u fl-Awstralja, kellna taqsima li kien introduċa Dr Joe Abela, l-ewwel koordinatur tal-programmi Maltin fuq SBS Radio bl-isem 'Il-Poeżija tal-Poplu'. Kien tal-idea li għalkemm ċerti proża u poeżija li konna nirċievu mis-semmiegħa ma kinux ta' livell letterarju biżżejjed kien ta' min ixandarhom għax jirriflettu l-qalb u l-ħsieb ta' poplu li għal raġuni jew oħra qed jikteb. Huwa kellu l-ħsieb li dawn il-kitbiet joħroġhom fi ktieb imma kien laħaq miet. Matul is-snin f'dan il-programm kelli l-opportunità li nintervista għadd ta' kittieba u poeti stabbiliti li llum m'għadhomx magħna, bħal Professur Guże Aquilina, Gorg Pisani, Kilin eċċ… minbarra għadd ta' kittieba kontemporanji.



**Joe Axiaq**

# Il-ktieb u l-intervista (3) kont…

Dwar ir-radjudrammi ktibt għadd minnhom b'temi Maltin-Awstraljani u oħrajn għal żmien il-Milied. Ħafna mis-semmiegħa anzjani tagħna għadhom jiftakru r-radjudrammi li kienu tant popolari fuq ir-Rediffusion u mbagħad Radju Malta; dawn baqgħu għal qalbhom fl-Awstralja. Kien żmien meta fl-Awstralja kien għad għandna atturi minn fejn tagħżel biex tipproduċi xogħol bħal dan. Illum ħafna minn dawn l-atturi ħallewna u ma ssibx talent biżżejjed kieku tkun trid tipproduċi xogħol bħal dan. Allura lejn l-aħħar snin li Radju Malta kien għadu jipproduċi r-radjudrammi, ġejt li ktibt radjudramm, nibagħtu biex ikun prodott minn Radju Malta minn atturi f'Malta, jinstema' Malta u Għawdex u mbagħad jibagħtuhuli biex inxandru fl-Awstralja. Kien hemm żmien ukoll meta konna nirċievu radjudrammi sħaħ minn Xandir Malta/Radju Malta biex inxandruhom l-Awstralja. Kien popolari wkoll mas-semmiegħa tagħna l-qari tar-rumanz, kif kienu mdorrijin f'Malta, li llum inqata' wkoll mill-programmi tagħna minħabba n-nuqqas ta' ħin.

**Fil-ġabra ta' rakkonti ġdida tiegħek tinsisti ħafna fuq il-firda li ġab miegħu żmien l-emigrazzjoni. Però, huwa fatt ukoll li bosta Maltin li ħadu din id-deċiżjoni sabu xortihom fl-Awstralja bis-saħħa tal-bżulija u l-inġenju tagħhom. Tissuġġerixxi soluzzjoni bħal din – li ssiefer biex issib xogħol barra minn Malta – liż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin tal-lum?**

Il-firda li ġabet magħha l-emigrazzjoni fi żmien meta l-aħjar mezz ta' komunikazzjoni kienet ittra bl-ajru li ddum tal-anqas ġimgħa biex tasal Malta u fi żmien meta ittra bil-baħar kienet iddum xahar għal ħafna ommijiet u missirijiet, uliedhom kienu qishom mejta. Ma ninsewx li ħafna lanqas biss kienu jafu jiktbu. Veru li ħafna Maltin jgħidulek li fl-Awstralja saru nies imma ma ninsewx ukoll l-oħrajn li ma rnexxewx u spiċċaw fil-faqar, bla xogħol jew b'tal-qgħad u li kieku setgħu reġgħu lura Malta, imma lanqas biss kellhom ħaqq passaġġ biex jerġgħu lura. Illum stess għandek ħafna anzjani jgħixu waħidhom iżolati b'pensjoni miżera. Hemm ħafna oħrajn li tilfu t-triq u spiċċaw il-ħabs. In-nies tan-negozju u dawk li rnexxew f'postijiet maniġerjali, tal-politika, eċċ. li ġew minn Malta huma ftit. Illum għandek it-tieni, it-tielet u anki r-raba' ġenerazzjoni li twieldu , trabbew u ħadu l-edukazzjoni tagħhom l-Awstralja u ssibhom kullimkien. Aħna tal-ewwel ġenerazzjoni nieħdu pjaċir, għax uliedna qed jagħmlu suċċess imma l-ironija hi li ħafna minnhom lanqas biss jgħidu li huma Maltin. Is-safar għax-xogħol fid-dinja tal-lum m'għandu x'jaqsam xejn maż-żmien li qed insemmi. Per eżempju, issa hemm komunità Maltija li qed tikber fi Brussels li hija differenti mill-Maltin tal-Awstralja li emigraw is-seklu l-ieħor. Iż-żgħażagħ Maltin illum isiefu jekk iridu, jew għal esperjenza barra minn Malta, mhux għax m'hemmx opportunitajiet Malta. L-effett psikoloġiku ta' emigrant li siefer fis-snin ħamsin u sittin tas-seklu l-ieħor ma jista' jitkejjel u jitqabbel bl-ebda mod ma' xogħol barra minn Malta llum.

**Fuq naħa, iċ-ċokon tal-gżejjer Maltin, u fuq l-oħra l-kobor u l-varjetà ta' spazji naturali u urbani tal-Awstralja. X'tippreferi minn dawn?**

Għalkemm ilni l-Awstralja aktar minn erbgħin sena d-distanzi twal ma nħobbhomx. Fl-Awstralja hawn ħafna li jħobbu jsuqu fit-tul anki minn stat għall-ieħor li jieħu ġranet u iljieli sħaħ. Jien meta mmur Sydney immur bl-ajruplan; għandek madwar siegħa. Inħobb ukoll Queensland fejn it-temperatura hija sħuna u tropikali; għandek tliet sigħat bl-ajruplan, jew erba' jekk tibqa' sejjer fin-naħa ta' fuq. Dik li Malta u Għawdex tasal minn post għall-ieħor f'kemm trodd salib u f'ġurnata tista' tmur f'diversi postijiet togħġobni, avolja llum it-traffiku qed jiżdied u qed joħloq dewmien żejjed. Hawnhekk f'Melbourne u s-subborgi ta' madwar daħlet ħafna l-użu tar-rota għall-ivvjaġġar minflok il-karozza; forsi maż-żmien tkun soluzzjoni għal Malta.

**Meta se terġa' lura fil-gżejjer tagħna? Proġetti ġodda f'rabta mal-Malti u l-letteratura Maltija?**

Nixtieq kieku niġi għal Valletta 2018. Nissoponi jkun hemm ħafna attivitajiet fil-belt Valletta. Nissaħħar nimxi fit-toroq tal-belt għax dejjem issib u tiltaqa' ma' xi ħaġa ġdida. Jekk le, nittama li meta nirtira mix-xogħol ftit tas-snin oħra, inkun nista' nqatta' aktar żmien Malta u Għawdex. Bħala xogħol letterarju għandi ħafna ideat u xogħol lest jew kważi lest, kemm induru daqsxejn tal-aħħar, fosthom ktieb b'rakkonti u stejjer tal-ħajja fir-raħal fejn twelidt u trabbejt, iż-Żebbuġ, Għawdex, u riċerka dwar l-istorja tax-xandir bil-Malti fl-Awstralja. Il-poeżija u n-novella qatt ma jħalluni kwiet u nittama li nkun nista' nippubblika aktar kotba.

**(8 ta' Ottubru 2016 )**

# ktieb mill-qrib (3)

Frans Sammut



***I GIOVANNITI LA STORIA DEI CAVALIERI DI MALTA* ta' Frans Sammut, Bonifarro Editore 2015.**

Frans Sammut (1945-2011) jibqa' miftakar bħala wieħed mill-kittieba ewlenin tat-tieni nofs tas-seklu 20, kif ukoll bħala riċerkatur serju u prim. Min ma qarax xi darba jew oħra xi wieħed jew iktar mir-rumanzi tiegħu *Il-Gaġġa*, *Samuraj*, *Paceville* jew *Il-Ħolma Maltija*? Kellu għal qalbu ħafna lil Mikiel Anton Vassalli, Żebbuġi bħalu, u kiteb dwar ir-Rivoluzzjoni Franċiża, dwar il-ħakma ta' Napuljun f'Malta, kif ukoll dwar il-ġrajja tat-tagħlim f'Malta. Is-sena 2015 rat il-pubblikazzjoni postuma tal-ktieb *I Giovanniti. La storia dei Cavalieri di Malta* minn Bonifarro Editore.

Dan il-ktieb ta' 254 paġna jinqasam fi 13-il taqsima u huwa miktub kollu kemm hu fl-ilsien Taljan. Dan ifakkarna f'kemm Frans Sammut kellu għal qalbu mhux biss l-ilsien Malti imma anki ilsna barranin oħrajn bħall-Franċiż, l-Għarbi, il-Latin u t-Taljan. Fil-ktieb Sammut jagħtina l-istorja tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann mill-bidu sal-preżent. Hekk wara l-introduzzjoni, Sammut jaqsam dan ix-xogħol tiegħu hekk: Le origini dell'Ordine nel Regno Latino di Gerusalemme; La prima spedizione militare cristiana; L'Ordine in Terrasanta e a Cipro; I Giovanniti prendono possesso di Malta; L'ingresso dello sparviero spennato; L'Assedio del "nido delle vipere"; L'assedio prende un'altra svolta; Tempo di ricostruzione e attività marinare; Gli ultimi giorni del Principato giovannita; u Epilogo. Iben Frans Sammut, Mark, fl-aħħar jinkludi studju tiegħu stess bl-isem ta' "Gli altri Giovanniti, i non cattolici", li jaqsmu f'erba' partijiet: I quattro Ordini giovanniti protestanti; Perché questi altri Ordini sono legittimi; La storia dell'Europa; u Il diritto internazionale. Il-ktieb għandu wkoll Appendiċi interessanti ħafna u li fl-istess ħin juri kemm dan l-istudju sar b'serjetà kbira: hawn wieħed jista' jaqra dwar il-"Carta Costituzionale del Sovrano Militare Ordine Ospedaliero di San Giovanni di Gerusalemme di Rodi e di Malta" maħruġa f'Ġunju tal-1961 u riveduta fl-1997, magħmula minn 37 Artiklu. Il-ktieb jiġbor fih ukoll lista kronoloġika, flimkien mar-ritratti (79 b'kollox), tal-Granmastri kollha tal-Ordni ta' San Ġwann mis-seklu 11 sal-preżent. Għal kull min għandu għal qalbu l-ktieb tar-riċerka, ma setax jonqos li ktieb bħal dan ikollu wkoll annotazzjonijiet dettaljati, Bibliografija massiċċa – magħmula minn kotba miktubin bl-ilsna differenti li kien jaqra Frans Sammut -, u Indiċi tal-ismijiet. Il-ktieb huwa megħjun ukoll minn numru kbir ta' ritratti b/w li jkomplu jgħinu lill-qarrej biex jidħol fir-ruħ tal-perjodu deskritt minn Sammut.

Kif jikteb sewwa fid-Daħla l-Imħallef u Prof. Paolo Grossi, Sammut f'dan il-ktieb juża metodoloġija storjografika mill-iktar rigoruża imma fl-istess ħin iħaddem lingwaġġ li huwa mmirat biex ma jdejjaqx u ma jgħejjix lill-qarrejja b'erudizzjoni li ma tinftehimx. It-Taljan li jħaddem Sammut huwa impekkabbli, bħalma impekkabbli hu dan ir-rakkont storiku li żgur se jagħti gost lil kull min jaqrah u tagħrif utli qatigħ dwar perijodu storiku partikolari. It-tagħrif li Sammut jagħtina dwar l-Ordni ma jillimitax ruħu għax-xogħol u r-rwol tal-Kavallieri fil-gżejjer Maltin, imma jmur lil hinn, qabel u wara ż-żmien li qattgħu f'Malta.

Interessanti u f'ċertu sens emozzjonanti hija l-Introduzzjoni miktuba minn Frans Sammut stess. Hija introduzzjoni-messaġġ li Frans Sammut kiteb fl-2006, mela ħames snin qabel ma ħalliena, imma li jinħass frisk daqs li kieku nkiteb illum. Diġà f'din id-

daħla joħorġu karatteristiċi importanti li jifformaw dan il-ktieb: is-serjetà ta' Sammut bħala riċerkatur li jislet tagħrif minn storiċi ta' fama dinjija (bħal Paolo Antonio Paoli, Antonio Bosio, Geronimo Marulli, Ibn Khaldun, G. Vertot, Jean Quintin d'Autun, Alfredo Mifsud, Achille Ferris, Edward Azzopardi-Sant, Pelagio Mifsud Lopiscopo, Delmas de Grammont, Domenico Magri, Ignazio Saverio Mifsud, Erica Joy Mannucci, Christopher Tyerman, u Steven Runcinam); il-kumment oġġettiv u globali, nieqes minn romantiċiżmu u tifħir żejjed; il-fatt li Sammut kien jinteressa ruħu f'oqsma kulturali differenti, fosthom l-ilsna u l-letteratura, il-politika, l-istorja, l-ekonomija u l-bqija; u l-ħajra li jwassal dan kollu lill-qarrej medju b'ilsien ċar, korrett u dirett. Sammut ifakkarna wkoll li anki l-istoriċi kellhom l-aġenda politika tagħhom. Ma setax jonqos ukoll li f'xogħol bħal dan Sammut jinkludi referenzi għal kittieba bħal Dante Alighieri, Boccaccio, Torquato Tasso, T.S. Eliot, Cervantes, Voltaire, Aldo Farini, Anton Caruana, Antonio Achelis, Alexander Sutherland, Walter Sott, W.H. Auden, u Michel Antonio Vassalli, kollha għal qalb ferm l-awtur.

Sammut mill-bidu jikteb li f'dan il-volum jipprova jifred il-fatti mil-leġġenda, bla ma jeqred għalkollox dak ir-romantiċiżmu li għandu rwol ewlieni fl-istorja tal-Ordni ta' San Ġwann. Huwa jpoġġi l-istorja tal-Ordni fuq sfond ħafna usa' billi jirrakkonta dak li kien qed iseħħ f'saltniet tal-madwar, fil-Lvant u fil-Punent. Attwalissimu hu anki l-kumment tiegħu, tipiku ta' min qatt ma nħeba wara subgħajh: "La storia dei Giovanniti ritorna pertinente ai giorni nostri, di fronte alla recrudescenza dello scontro tra l'Islam e l'Occidente democratico. Sul fatto che il fondamentalismo islamico sia nemico della democrazia occidentale non vi è il minimo dubbio." Iżda rridu ngħidu hawnhekk li matul dan ir-rakkont storiku tiegħu Sammut jinsisti ħafna u spiss fuq il-waqtiet ta' qbil, armonija u rispett reċiproku bejn Insara u Musulmani matul l-istorja. Kapitlu li jispikka huwa dak li jirrakkonta l-Assedju l-Kbir: f'ċerti punti ta' din il-kronaka r-rakkont ta' Sammut – fejn jispikkaw personaġġi storiċi bħal de La Vallette, Dragutt - jilħaq qċaċet u climax mill-isbaħ u mill-esħeħ. Naqraw deskrizzjonijiet dettaljati anki ta' battalji individwali li seħħew, jum wara jum, ġimgħa wara ġimgħa.

Wara dan ir-rakkont Sammut jikteb dwar il-bini tal-belt Valletta. Hawn l-awtur jinsisti ħafna fuq l-element tad-dixxiplina li fuqu nbniet din il-belt. Huwa jifhem x'inhuma l-punti li jsaħħuna u dawk li jdgħajfuna: il-korruzzjoni ġġib nuqqas ta' dixxiplina, u b'hekk tmexxija tajba tnissel fost il-poplu rispett tar-regolamenti. Wasal iż-żmien meta l-Ordni ta' San Ġwann ma baqax importanti rigward kruċjati, imma akkwista importanza ġdida f'rabta mal-attività tal-korsa li permezz tagħha nbnew bosta knejjes f'għadd kbir ta' rħula.

Sammut jagħti importanza lill-aspett tal-kultura. Ifakkar li meta l-Ordni wasal f'Malta fl-1530 kien hawn diġà livell kulturali għoli fost l-aristokratiċi u l-ekkleżjastiċi Maltin. Ifakkarna li l-ewwel stamperija f'Malta nfetħet fl-1642 taħt il-Gran Mastru Lascaris, u l-ewwel ċensur kien proprju Gian Francesco Habela, missier l-istorjografija Maltija u awtur ta' *Della Descrittione di Malta, Isola nel Mare Siciliano, con le sue antichità, e altre notizie del 1647*. Sammut ifakkarna wkoll li l-Ordni kien sponsor ta' bosta pitturi magħrufin bħal Caravaggio, Perez d'Aleccio, Mattia Preti u Favray, li wara influwenzaw artisti Maltin bħal Gian Nicola Buhagiar, Francesco Zahra, Gaetano Calleja u Giuseppe Grech.

Naqraw ukoll tagħrif interessanti dwar il-qagħda ekonomika Maltija fis-seklu 18 li kienet sitwazzjoni ta' kriżi u li l-Ordni pprova jsolvi parzjalment bil-ħolqien ta' bosta postijiet tax-xogħol fil-qasam tal-kostruzzjoni. Kriżi bħal din ġabet firda bejn il-klassijiet soċjali, imma anki ġlied bejn l-Istat u l-Knisja, bejn il-Gran Mastru u l-Isqof. Sammut jagħti spazju lir-ribelljoni tal-qassisin li falliet minħabba li n-nobbli ma ridux jagħtu daqqa t'id lill-poplu mġewwaħ u ntaxxat bil-goff. Bosta mill-patrijiet kienu jgħixu mal-poplu u servew bħala għajn ta' żvilupp intellettwali u soċjali għall-klassi l-baxxa. Hu hawn fejn Sammut iqiegħed f'kuntrast ir-Rivoluzzjoni Franċiża mar-ribelljoni tal-qassisin f'Malta. Ir-Rivoluzzjoni Franċiża ħalliet il-konsegwenza tagħha anki hawn Malta, għax wara l-waqgħa tar-re Luigi 16 il-ġid tal-Ordni fi Franza ġie kkonfiskat kollu. Apparti hekk, l-influwenza Franċiża daħlet Malta sa minn dħul l-Ordni f'Malta u dan witta t-triq għall-miġja ta' Napuljun. Minkejja l-politika ta' newtralità tal-Ordni f'dawn iż-żminijiet, din ma setgħetx ittul ħafna. Dan kollu jqiegħed lil Malta fuq livell internazzjonali: Sammut għalhekk jikteb dwar il-kuntatti tal-Gran Mastru mal-Ingilterra, ir-Russja u l-Vatikan. Jurina wkoll li l-fatt li l-parti l-

# ktieb mill-qrib (3) kont...

kbira tal-Maltin huma konservattivi u jħobbu l-paċi u l-kwiet u kontra kull tip ta' aġitazzjoni u ħsieb żejjed ġej minn sekli ilu.

Ma setax jonqos li Sammut jagħti wkoll importanza lill-wasla ta' Napuljun f'Malta, u hawn jinkludi wkoll ir-rwol ewlieni ta' Mikiel Anton Vassalli, Żebbuġi, figura illuminista, u favur ir-Rivoluzzjoni. Dwar il-wasla ta' Napuljun f'Malta, Sammut jispjega d-differenza bejn żewġ sitwazzjonijiet: l-Assedju l-Kbir tal-1565 u l-imblokk tal-Franċiżi fl-1798. Hawn Napuljun ma għamilx l-istess żbalji li kienu wettqu t-Torok.

Huwa interessanti t-tagħrif li Sammut jagħtina dwar l-Ordni wara li tkeċċa minn Malta, xi ħaġa li mhux kulħadd jaf biha. Fost dan, tissemma l-għajnuna li l-Ordni kien ta f'rabta mat-terremot f'Messina (1908) u matul il-gwerra bejn l-Italja u t-Turkija (1911), għajnuna lil-lebbrużi f'partijiet differenti tal-Afrika u lill-fqar u l-morda fl-Eritrea, fis-Sudan u partijiet oħra tal-Afrika, u għajnuna oħra li kompliet saħansitra fis-snin '90 tas-seklu 20.

Dan u ħafna iktar jista' jinqara f'*I Giovanniti. La storia dei Cavalieri di Malta*. Huwa ktieb bi preżentazzjoni mill-isbaħ, oriġinarjament miktub mill-missier li llum m'għadux magħna. Hu hawn fejn tidħol il-kollaborazzjoni tal-iben li jirnexxilu joħroġ għad-dawl, jagħti forma finali u koerenti lil materjal li għal snin baqa' moħbi ġo kompjuter. U dan biex tingħata stampa sħiħa ta' dan l-Ordni li għal snin twal kellu s-sede tiegħu f'Malta u ġarrab l-istess destin li għadda minnu l-poplu Malti.

*I Giovanniti. La storia dei Cavalieri di Malta* huwa ktieb li għandu jsib postu fuq l-ixkaffi ta' kull min għandu għal qalbu l-istorja ta' Malta. Huwa anki rigal ideali lil kull min għandu ħbieb Taljani li jixtiequ jsiru jafu iktar dwar din il-gżira żgħira bi storja kbira.



**IL-FJURA TAR-RIĦ**

Fjura solitarja. F'dil-pjanura.
Fl-irjieħ. Tissara.
Ieqaf. Iġġieled.
Lir-riħ.

Ir-riħ. Sabiħ.
Sabiħ ir-riħ.

Ir-riħ. Kurrent. Il-ħajja.

Ħallih ir-riħ. Ir-riħ. Ir-riħ.
Jissara.

Miegħu. Trid. Tgħix.
Mar-riħ. Mar-riħ. Mar-riħ.

U hekk. Flimkien. Int. Tgħix. Il-fjur.
U huwa. Jgħix. Ir-riħ. Ir-riħ. Ir-riħ.

TARĊISJU ZARB
**(minn *Xemx. Sewda Passiġġieri. Muti*, Horizons, 2016)**

**AĦNA**
**(Lil Platun)**

Aħna l-bnedmin
sirna atomizzati
ppulverizzati
fl-istess frammentazzjoni
tad-dinja virtwali
bħal priġunieri sterilizzati
mmansati biċ-ċimi tal-irmiġġ
fil-qigħan tal-għar imdiehex
b'nar iħeġġeġ warajna
naraw biss id-dellijiet vagi
tal-iskulturi tal-allat tat-terrakotta
fuq il-ħajt immoffat ta' quddiemna
nemmnu li dik hi l-unika realtà eżistenti.

ANDREW SCIBERRAS
**(minn *Il-Vjaġġ Poetiku*, 2016)**

**MAT-TFAL**

Mingħalina li rfinajna
għax m'għadniex nużaw is-swat.
Mat-tfal tagħna sirna nafu
nevitaw anki l-għajjat.

Imma mbagħad fid-debbilizza
meta naqgħu għall-ġibdiet
it-tfal tagħna jbatu l-aktar
f'nofs il-piki u l-firdiet.

**EMMANUEL ATTARD CASSAR**
(minn *Fuq Dn l-Art Ħelwa*, 2016)

**LIL MISSIERI F'MEWTU**

Il-lum wasalt fi tmiem il-vjaġġ tal-ħajja
li int terraqt fil-għalqa tal-Mulej
fejn dejjem ħdimt minn tlugħ ix-xemx sa nżulha
u dmirek qdejt bl'ebda tgergir ta' xej'.

Moħriet iż-żmien miġbud mill-ferħ w in-niket
Feraq 'l fuq minn erbgħa w tmenin radda
w iż-żrieragħ xterrdu sew fl-erba' staġuni
u nibet frott is-sagrifiċċj' u ċ-ċaħda.

Xerridt imħabbtek m'ommna w il-familja
ħabbejtna lkoll, bħalm' aħna ħabbejniek.
Eżempju tajjeb dejjem inti tajtna
ta' da' l-premju mistħoqq qed jistenniek.

Għallimtna x'inhu rett, tajjeb u sewwa
għallimtna kif inħobbu bla mibegħda
urejtna kif tintegħex ħajjet il-bniedem
li l-barka t'Alla dejjem f'qalbu qiegħda.

Kont missier twajjeb, raġel tal-familja
u dejjem ħdimt biex ma jonqosna xejn.
Kont ta' kuraġġ f'inżul u f'tlugħ il-ħajja
sibniek refuġju f'ruħna bejn ħalltejn.

Imm'issa għadda l-maltemp u il-burraxki
u fuq ix-xefaq feġġ dal-jum sabiħ.
twieldet għalik issa din x-xemx ġdida
u bħal farfett ittir 'l fuq qatigħ.

Għax tmiem il-vjaġġ fil-fatt għalik hu bidu
ta' ħajja ġdida fi ħdan il-Mulej
li qiegħed jistennik b'idejH miftuħa
u għalhekk m'għandna għalfejn nibku xej'.

Ġo moħħna u f'qalbna inti dejjem tibqa'
u jikbru magħna tiegħek it-tifkiriet.
Pa, niżżik ħajr ta' kulma għamilt magħna
u nitolbuk tberikna mis-smewwiet.

**NAZZARENU ZERAFA,**
**Brisbane.**

**IL-VITTMI TAL-GWERER**

Ergajna lura lejn is-snin imbiegħda,
fejn grupp ta' ġellieda jipprova jaħtaf xi art,
bi ġlied u mwiet tal-innocenti,
wied ta' demm jqabbdek il-bard.

Persekuzzjoni sħiħa fuq l-innoċenti
mingħajr raġuni, minn artom imkeċċija,
stuprati, feruti u maqtula,
tkexkxek id-dehra tad-dmija.

U d-dehra waħxija tad-demm qed iċarċar
titfa' lil moħħna fi stat bħal ta' ġenn
nitħassru l-imsejkna l-vittmi
bla ħsieb li 'l dawn noffrulhom ftit kenn.

Għax kien hemm min abbuża mill-art tal-Ewropa
u fittex minn fuqha jagħmel il-qligħ
Poġġejna 'l kulħadd f'keffa waħda
Anke 'l dal-vittmi mimlija uġigħ.

**KEVIN TANTI**

**TERREMOT**

Maħsud qam il-koloss
bla ħadd ma stennieh.
Inqasmet il-blata dinjija
u triegħed bla ħniena s-sies.
Iġġarraf il-bini tawwali
u tfarrak il-gorboġ mudlam.
Il-biża' għeleb il-fruntieri
u qered kull frugħa tan-nies.
Kif niżlet titkaxkar mal-qiegħa
l-kburija li saltnet mas-snin,
xħin ħarset bil-ħniena lejn l-ikħal
titallab bil-ħerqa l-ħelsien!

**JOHN MALLIA**

**SABAR SETGĦAN**

Ħiemed, imħeddel, hieni,
bejn sema w art
jitbennen
il-baħar ħieles, kaħlan.

Arah ma’ blata mgħannaq
f’xemx tisreġ, taħraq nar,
u taħt fided il-qamar
jitbandal ġe’ ħuġrejha.....
jitbewsu
t-tnejn mitlufin.

’Mma mal-miġja tal-irwiefen
tqellu l-ilmijiet
u b’qawwa, saħħa kbira,
sfaw jaħbtu t-tnejn flimkien.

Fil-għajn, soda, felħana,
ma jista’ għaliha ħadd.
Hu magħha b’għadab jogħla
u lura jerġa’ mifxul
iżda qalbu qatt ma jaqta’
w għaliha fis jerġa’ jdur.

W il-blata wieqfa, daħkana,
tarah jitkisser taħtha,
ħassitha kbira wisq!

’Mma l-baħar ħiemed, hieni
għal mitt darba reġa’ għannaqha
u mewġa wara oħra
inħall u tkisser magħha.

X’ħin reġgħet jum wieħed
feġġet ix-xemx
u huwa bħas-soltu sebaħ ifittixha,
lemaħha
f’setgħetu
imfarrka ramel
imxerrda max-xatt.

**GEORGE FALZON**

**META RĠAJT TLABTHOMLI LURA**

Meta għaddasthom
f’kustiljija
b’mudullun il-filjazzjoni
meta kont
għadni tarbija
-għerq minn għerqhom,
għajn magħsibhom -
biex inxettel
ġewwa fija
siġra tħaddar l-armonija,
l-għeruq ħadu
nfirxu, ntrabtu
bla tbatija.

Meta rġajt tlabthomli lura
żewġ għakkiet
bid-dakra mejta
ridt inroddhom ossi sagri
ta’ dil-bejta
imma minkejja
d-dikjarar
li kienu self xi nħallas lura
sibt li tagħhom
jien ma xtaqtx inċedi s-sura
għax għalija kienu wensi
kif għall-qamħa,

l-fosdqa sħuna tal-matmura.

**THERESE PACE**

**POEM OF AGE**

Listen just this once, no more;
this my earnest wish ensure.
Life continues despite all,
unabated since the Fall.

Man will roam, relentlessly,
knowing all is but a farce.
It’s all a lie! Pretence! Surreal!
Let’s part from where there is no heal.

**RODERICK (RIGU) BOVINGDON**

# il-poeżiji

**IS-SMEWWIET...**

is-smewwiet qed jixrob
is-sħab mill-għoljiet,
mill-muntanji b'ilsna tas-silġ magħqud,
lewn il-bjuda taċ-ċpar...
maċ-ċriev jiġġerrew fil-ħemda,
biswit il-lag borża ilma
rieżaħ bla siġar,
mal-għajta tax-xabbata
bil-ħbula tan-nylon,
bil-kampijiet tal-kanvas...
max-xmara-nixxiegħa bil-ħut qabbieżi,
lewn il-kħula fiddiena tal-widien...

Kemm għandu ossiġnu safi u pur,
il-blat maħdum, maqtugħ,
f'dawn l-inħawi,
bl-irdieden iduru jduru
maż-żifef imwielda friski friski...

**MARIO F. BEZZINA**
**(minn *Sriep tan-Nar*, 1999)**

**SIĠAR**

Hawn aħna id f'id fil-bosk magħqud
nitkellmu mal-lejl, nedhew,
nistagħnew fi żmien il-ħolm.
Saqajna, għeruqna,
felħana ġewwa l-ħamrija bnina,
bil-ferħ, bl-għożża
nostru r-raġġi tal-kwiekeb.

Fi zkukna, f'fergħatna,
hemm għarfien safi -
dawn fergħatna li jridu jfejqu
l-ġrieħi u l-weġgħat tal-bnedmin kollha.

Fil-ħemda u ġewwa l-ħsejjes
jidwu tan-natura,
tifsir imsaħħar iżurna,
waqt li madwarna r-rebbiegħa titbissem
u ttina weraq ġdid.

**MARLENE SALIBA**
**(minn *Nimirħu maż-Żmien*, Faraxa, 2014)**

**PITIROSS IMJASSAR**

Pitiross, ma' sbieħ il-għodwa,
meta n-ngħas jerħi jaħkimni,
jasal leħen ġo kamarti,
tkun għanjietek li tqajjimni.

U dlonk jien f'ħoġor it-tieqa,
nixref ngħarrex bejn il-weraq,
nixtieq nilmħek fuq is-siġar
tar-rummien, maqsum bil-beraq.

U mitt gost narak tittajjar
jew mistrieħ fuq l-għola friegħi,
u mitt gost nisimgħek tgħanni
ftit lil hinn mit-tieqa tiegħi.

Imma l-lum, għasfur ta' qalbi,
ħallejt min jgħarralek ħsiebek,
min ried jaħtfek biex isakkrek,
qarraq bik b'wieħed minn ħbiebek.

Fi trabokk, daqsxejn ta' sabi,
ressaq lejk pitiross ċkejken,
inti mort tissara miegħu,
u sibt ruħek bħalu, msejken.

Pitiross, magħluq, imjassar,
narak biss tiġini ħniena,
nixtieq kieku nista' ngħinek,
ma tibqax f'idejn ħajjiena.

**CHARLES MIFSUD**

**ĦAJKU**

Jekk Sidna Ġesù
jerġa' jkun hawn, jissejjaħ
għall-premju Nobel?

**AMANDA BUSUTTIL**

**IL CORPO DEL PADRE**
**(A Carmelo Figliolia, Enna 28 agosto 1930-Milano 29 ottobre 2016)**

Non dovresti mai vedere
il corpo del padre invecchiare,
la pelle volgere
in rughe e macularsi...
il corpo del padre raggrinzirsi
– oltre la stessa senilità –
il respiro farsi affannoso,
lo sguardo vagare
in un luogo imprecisato
(ah le stimmate del vuoto!)
e la sua mano cercare la tua
nel soffio antico dell'infanzia...
Allora l'identità è perfetta,
col silenzio dei corpi,
del mistero della genesi:
specchio confuso,
orma di pietra,
eco di stelle.
E ancora ti guardo, padre,
camminare piano con il bastone
e fermarti per riprender fiato,
e i tuoi passi sono i miei,
lenti, metodici, stanchi,
figli di un amore
che non conosce spiegazioni.

**ALBERTO FIGLIOLIA**
***L-Italja***

**FILOSOFIA**

Parole e frasi sono gli intercalari del silenzio
che smette, ogni tanto,
di pronunciare il vuoto.

Allora qualche indizio di materia
deforma l'aria,
descrivendo le pause del nulla
prima che il silenzio
si richiuda.
(Le mani si infrangono
contro un gesto incompiuto)

**PIETRO PANCAMO**
***L-Italja***
**(pietro.pancamo@alice.it; pipancam@tin.it)**

**POETRY**
**(World Poetry Day: 21 March,2016)**

Poetry is the music of the virtuous soul
that revives the cult for call of nature.
The poetic passion pierces the nebulosity
for the ecological order amidst many a devilish fig-
ure.
The poetic tavern of the versifiers
sends the muse-lovers in the seventh heaven.
Poetry is the celestial fire
that breeds the germs of creation.
Poetic potion perfumes the passage
for poetic whirlwind worldwide.
The capital idea and racy style
enrich its beauty to its utmost degrees.

**ARBIND KUMAR CHOUDHARY**
***L-Indja***
**(kohnoor@rediffmail.com)**

**HAIKU**

There's a green spirit
in the bosom of the woods.
The pith is running.

The moon is rising
like the night's bride
beaming a golden disc.

There are many wild things
in the timorous jungle.
But you're intrepid.

**NADIA-CELLA POP**
***Ir-Rumanija***

**MANCARONO**

Mancarono le fiabe dell'infanzia
ad addolcire il senso della vita
molte cose mancarono
in una vita avara di carezze.

**AMERIGO IANNACONE**
***L-Italja***
**(minn *Parole clandestine*, Edizioni Eva, 2010)**

# minn fuq l-ixkaffa




***TIFKIRIET TFULITI*, ta' William Grech, 2016.**

Dan il-ktieb jiġbor fih diversi rakkonti u praspar li għadda minnhom il-kittieb, minn meta kien tfajjel ċkejken saż-żgħożija, safejn twassal il-memorja! U ngħiduha kif inhi, issa li ż-żmien rembel mhux ħażin, il-memorja bdiet tnaqqas xi ftit, u għalhekk f'ċerti stejjer kien hemm bżonn ta' ftit għajnuna għal iktar dettalji mingħand xi familjari u ħbieb. Għalkemm ir-rakkonti ta' żmien it-tfulija ma joħduniex lura xi sekli sħaħ, iżda biss għexieren ta' snin, jippreżentawlna ambjent ferm differenti minn dak li jgħixu fih it-tfal tal-lum, fosthom logħob u ġiri barra t-triq, u b'hekk joħolqu ċerta nostalgija. Ir-rakkonti ta' żmien iż-żgħożija jittrattaw esperjenzi, esperimenti u anke xi praspar, li wkoll joħolqu tbissima fuq wiċċ il-qarrej. Dawn l-istejjer inkitbu biex jibqgħu miġburin fi ktieb u biex jitgawdew minn kull min jitħajjar jaqrahom. Barra minn hekk, il-kitba ta' dawn l-istejjer għenet lill-awtur jerġa' jitwieled mill-ġdid billi jerġa' jħares lejn il-ħajja b'mod pożittiv! Ir-rakkonti huma miktubin b'Malti sempliċi u mexxej, u żgur li qarrejja ta' ċerta età se jidentifikaw ruħhom ma' numru ta' esperjenzi rrakkontati hawnhekk.




***DIZZJUNARJU TAN-NEGOZJU U L-KONTABILITÀ*, ta' George Cassola, Malta University Publishing, 2016.**

Dan hu t-tieni dizzjunarju bil-Malti ta' George Cassola għall-*accountants* u operaturi oħra fil-qasam tan-negozju u l-finanza. Din l-edizzjoni ġdida timxi fuq il-passi tal-ewwel waħda li ħarġet fl-2002, apprezzata ħafna minn *reporters* finanzjarji, persuni li jaħdmu fix-xandir, *accountants* ta' kooperattivi, kunsilli lokali u ħafna iktar entitajiet tan-negozju li jixtiequ jippreparaw il-kontijiet tagħhom bil-Malti, partikolarment minn tradutturi fl-UE u istituzzjonijiet lokali. Żvilupp f'din it-tieni edizzjoni huwa d-dizzjunarju Malti-Ingliż-Malti. Għandha wkoll lista ta' akronimi użati f'dan il-qasam. Dan id-dizzjunarju jipprovdi għadd ta' eżempji tal-użu ta' termini varji sabiex l-ekwivalenti fl-ilsien alternattiv tinqara f'kuntest u mhux f'iżolazzjoni. Min juża dan id-dizzjunarju hu megħjun kemm fl-għażla kif ukol fl-applikazzjoni tat-terminu korrett. Il-ktieb għandu Daħla minn Peter J. Baldacchino, Kap tad-Dipartiment tal-Kontabbiltà fl-Università ta' Malta.




***IL-VJAĠĠ POETIKU*, ta' Andrew Sciberras, 2016.**

Din hija ġabra ta' poeżiji ta' 216-il paġna. Fi kliem il-Professur Oliver Friggieri, Andrew Sciberras huwa qabelxejn il-poeta tal-kronaka, tal-ġrajjiet li jsawru l-bullettini traġiċi tal-aħbarijiet. Hu speċi ta' ġurnalista liriku, reporter tal-qagħdiet tal-kuxjenza, u mhux ta' avvenimenti li jidhru... Andrew Sciberras jippreżenta lill-poeta bħala l-imgħallem morali, is-saċerdot tipiku tal-Poetika Griega tal-qedem, il-bniedem imnebbaħ u privileġġjat li Alla nnifsu jitkellem bis-saħħa tal-fomm tiegħu. Hawn ukoll, minkejja li kemm it-tematika u kemm il-forma letterarja huma moderni għalkollox, il-poeta jfittex li jiskopri l-prinċipju, l-aspett assolut u universali, il-valur li minnu nnifsu ma jista' jitbiddel qatt... Sciberras jagħraf lilu nnifsu bħala l-poeta ta' nies li qegħdin ibatu aktar mill-oħrajn, il-poeta li jippreżenta d-dulur u l-inkomprensjoni, il-kuluri sbieħ tal-ħajja ħielsa u l-għeluq imwiegħer li jinsabu fih il-protagonisti mġarrba tiegħu, il-vittmi ta' kundizzjoni naturali, kulturali u sikwit soċjali. Sciberras hawnhekk ukoll qiegħed jikteb b'serjetà mnikkta, b'determinazzjoni tipika ta' poeti barranin li biddlu l-kelma mirquma f'arma ta' taqbid tal-ħsieb, f'għodda li għandha tqajjem kuxjenza, iċċaqlaq lin-nies bierda, u twassal għar-riformi fil-livell politiku.

# minn fuq l-ixkaffa




***TFULITI F'BIRKIRKARA FI ŻMIEN IL-GWERRA*, ta' Alfred Cachia, BDL, 2016.**

F'dan il-ktieb ta' 300 paġna l-awtur jerġa' jagħti l-ħajja b'mod sempliċi u nostalġiku lill-esperjenzi li għadda minnhom sebgħin sena qabel. Ħafna mill-ġrajjiet li jirrakkonta għandhom laqta ċajtiera li tnissel fil-qarrej tbissima filwaqt li niltaqgħu ukoll ma' diversi persuni ħelwin u simpatiċi li jagħtu l-ħajja lir-rakkont. Il-ktieb jinqasam f'25 kapitlu u għandu Daħla mill-President Emeritu, Eddie Fenech Adami, u Kelmtejn lill-Qarrej mill-awtur stess. Fi tmiem il-ktieb wieħed isib Appendiċi bl-Ismijiet tal-vittmi tal-gwerra li kienu joqogħdu f'Birkirkara. Ġewwa l-ktieb insibu wkoll għadd ta' ritratti tal-epoka b/w li jkomplu jdaħħlu lill-qarrej fl-ispirtu taż-żmien li Cachia qed jiftakar. Alfred Cachia jikteb dwar l-istennija tal-gwerra fost il-Maltin fl-aħħar tas-snin tletin tas-seklu l-ieħor, id-dħul tal-Italja fil-gwerra, ir-refuġjati, l-attakk tal-*Luftwaffe* fuq l-*Illustrious*, il-ħajja fix-xelters, in-nuqqas tal-oġġetti tal-ħajja, Milied imtappan bi sħab iswed, April tal-1942, l-iskola bħala sptar ta' emerġenza, ġuħ, għaks, mard u serq, il-wasla tal-konvoj ta' Santa Marija, l-Italja ċċedi, jum ir-rebħa fl-Ewropa, l-ewwel sentejn wara l-gwerra, u ħafna iktar.




***FUQ DIN L-ART ĦELWA*, ta' Emmanuel Attard Cassar, 2016.**

Dan huwa t-tieni ktieb ta' Emmanuel Attard Cassar, wara li fl-2013 ħareġ *Vacanze romane*. *Fuq Din l-Art Ħelwa* jiġbor fih poeżiji li nkitbu fuq medda ta' 25 sena, mela bejn l-1992 u l-2016. Huwa ktejjeb ta' 51 paġna li jiġbor fih mal-120 poeżija. Tematikament dawn huma poeżiji satiriċi u soċjali u formalment Attard Cassar jinsisti fuq id-dixxiplina tal-poeżija tradizzjonali. Huma versi li jittrattaw aspetti differenti li jiddefinixxuna bħala ġens, u bosta minnhom mhumiex pożittivi. Huma anki riflessjonijiet li jintrabtu ma' spazji differenti li nabitaw fil-ħajja ta' kuljum tagħna: id-dar, il-post tax-xogħol, l-iskola, il-*canteen*, it-triq, il-knisja, l-istadium, l-isptar, is-swali tad-divertiment, ir-raħal, u l-bqija. Mill-perspettiva ta' għażla ta' kliem naraw li dik ta' Attard Cassar hija għażla moderna, fejn l-importanti huwa li jwassal il-messaġġ jew ħsieb li għandu f'moħħu. Wara l-versi ta' Attard Cassar hemm l-osservatur silenzjuż li jifli u jifhem sewwa l-bniedem minn xiex inhu verament magħmul. Bosta huma kwartini li l-poeta kiteb f'dawk il-waqtiet meta kulħadd hu mgħaġġel, imma hu rnexxielu jaqbad sitwazzjonijiet partikolari u jwaqqafhom fiż-żmien.




***KUN AF AKTAR DWAR ILSIENNA*, ta' Charles Casha, Pubblikazzjoni Merlin, 2016.**

Dan il-ktieb fih 95 paġna u huwa ta' daqs komdu fejn it-text huwa mifrux bi spazju tajjeb matul il-paġni.
Fl-ewwel taqsima hemm prinċipji tal-grammatika li l-istudenti tal-primarja u dawk tal-ewwel sena fl-iskola sekondarja jistgħu jsibu tagħrif dwarhom, bħalma huma l-Artiklu, il-Pronomi, l-Aġġettivi, il-Verb, il-Partiċelli, l-Istat Kostrutt, in-Negattiv, Kelmiet il-Għadd, il-Partiċipju u oħrajn.
Fit-tieni taqsima hemm 42 tagħrifa li jinkludu fost oħrajn, Bliet u Rħula Maltin, il-Ħażna fil-Bniedem, il-Partijiet tal-Ġisem f'espressjonijiet komuni, Ġemgħat, Sinonimi, Kontra (Opposti), Omonimi, Omofoni, Fejn tista' tmur, Mezzi tat-Trasport, Għamara, Kuluri, Ilbies, Għodda, Ħut, Għasafar u Tjur, Annimali Slavaġ, Insetti, Frott, Ħaxix, Fjuri u tagħrif ieħor li jgħin lill-istudenti jkabbar il-volabolarju tiegħu.
Dan il-ktieb li kien ħareġ għall-ewwel darba fl-1987, baqa' popolari kif juru l-edizzjonijiet li saru fl-1991, fl-1994, fl-1997, u issa din l-edizzjoni reveduta u aġġornata.

# minn fuq l-ixkaffa




***GĦAT-TIFTIXA TAŻ-ŻMIEN MITLUF - MIX-XAQLIBA TA' DAR SWANN. COMBRAY*, ta' Marcel Proust, maqlub għall-Malti minn Paul Zahra, 2016.**

It-titlu ġeneriku tar-rumanz li jġib l-isem *It-Tfixxija taż-Żmien Mitluf* jiġbor fih seba' rumanzi. Kull wieħed minn dawn is-seba' hu rumanzi maqsum f'diversi partijiet. F'din il-pubblikazzjoni Zahra jittraduċi *Combray* jiġifieri l-ewwel parti tal-ewwel rumanz bl-isem *Mix-Xaqliba ta' Dar Swann. Combray* hi meqjusa bħala l-ftuħ orkestrali tar-rumanz minħabba li fiha nsibu ħjiel ta' dak li se jkun qed jiġi rakkontat aktar 'il quddiem. F'din il-parti Proust ilaqqagħna man-narratur mingħajr ma jsemmieh b'ismu biex b'hekk fost affarijiet oħrajn iħalli lill-qarrej jiddubita jekk hux qed jitkellem dwaru nnifsu jew dwar il-karattru fittizju li qed joħloq. Naraw ukoll kif in-narratur jiftakar dwar tfulitu, dwar il-bewsa li kienet tagħtih ommu, dwar iż-żmien li kien jgħaddi għand il-prozija fil-kampanja, dwar il-mod kif aktar tard hu u jixrob tazza te jiftakar u jevoka minnha l-belt ta' Combray li mbagħad permezz tagħha jirxoxta l-persunaġġi u jiftakar fost ħwejjeġ oħra fiż-żewġ xaqlibiet tagħha bis-siġar, il-fdalijiet medjevali u l-knisja tagħhom.




***STEJJER VERI LI QATT MA ĠRAW*, ta' Charles Casha, Klabb Kotba Maltin, 2016.**

Tletin novella f'224 paġna li jvarjaw fit-temi u fl-istili tal-kitba. Dawn l-istejjer, frott tal-immaġinazzjoni tal-awtur jistgħu xi darba jkunu stejjer veri għax wara kollox huma mera tar-realtà tal-ħajja. L-awtur juri simpatija mal-mara prostituta u donnu jixtieq juri n-naħa t-tajba tagħha. Xi novelli jittrattaw dwar il-ħajja u l-karattri tat-triq fejn l-awtur trabba u qatta' parti minn żgħożitu. Waħda min-novelli tkompli mar-rumanz tiegħu *Fid-Dar tal-Kantuniera*. It-tema universali tal-imħabba hija wkoll is-suġġett f'xi wħud min-novelli li nsibu f'dan il-ktieb – x'aktarx l-imħabba li falliet u ħalliet il-ġerħiet tagħha. Kultant il-bniedem jidfen fl-imgħoddi tiegħu xi ħaġa li aħjar ma jiftakarx. Din it-tema l-awtur jittrattaha fl-istorja *Fil-Mera*. Ix-xewqa li wieħed jerġa' lura wara mewtu mqar għal ftit sigħat tista' tkun ix-xewqa ta' ħafna. In-novella *Ftit Sigħat* tittratta din it-tema minn għajnejn awtur. L-awtur jikteb ukoll dwar tfajla li trabbiet f'Istitut u kellha xewqa kbira li ssir taf min kienet il-familja tagħha. L-attakk terroristiku li sar f'Pariġi nhar il-Ġimgħa 13 ta' Novembru, 2015, kien ta' ispirazzjoni għan-novella *Babette*. *Stejjer Veri li Qatt ma Ġraw* huwa is-seba' kiteb ta' novelli ta' Charles Casha.




***STEJJER MILL-BOSK U MKEJJEN OĦRA*, ta' Patrick Sammut, Horizons, 2016**

*Stejjer mill-Bosk* huwa r-raba' ġabra ta' rakkonti għat-tfal ta' Patrick Sammut. Dawn huma 15-il rakkont ieħor li l-awtur xi darba rrakkonta lil uliedu qabel ma marru jorqdu, imma li wara għaddiehom minn proċess ta' tirqim fejn tidħol lingwa u tlaħħim fejn jidħol kontenut. Huma stejjer li għandhom bħala protagonisti kemm bnedmin, ħafna minnhom tfal, kif ukoll bhejjem differenti li huma mogħtija karatteristiċi umani, fosthom il-kapaċità li jitkellmu, u dik li jħossu għal ħlejjaq oħrajn. Sammut juża lingwa mexxejja u Malti idjomatiku biex b'hekk l-esperjenza tal-qari tinbidel f'waħda mhux biss ta' pjaċir imma anki ta' tagħlim. Dawn huma wkoll stejjer li jħaddnu valuri pożittivi bħalma huma l-ħbiberija, ir-rispett lejn il-proxxmu, is-sabiħ tat-tfulija, u s-sodisfazzjon li wieħed jikseb mill-ħidma onesta, fost bosta valuri oħrajn. L-imkejjen fejn isseħħ l-azzjoni huma kemm reali kif ukoll fantastiċi bħalma huma l-personaġġi. *Stejjer mill-Bosk* huma kitbiet li għandhom mill-ħrafa tradizzjonali, mill-ħolma u anki mill-*cartoons* li xi darba jew oħra segwejna fuq it-televiżjoni. Jinżlu għasel mat-tfal u anki ma' min għad għandu t-tifel jew it-tifla ġewwa fih.